Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9951/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0228 (COD)

TRANS 257
FIN 456
CADREFIN 87
POLGEN 83
REGIO 40
ENER 229
TELECOM 175
COMPET 436
MI 448
ECO 49
CODEC 1023

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 438 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 283/2014

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 438 final.

Mehmuż: COM(2018) 438 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2018
COM(2018) 438 final

2018/0228 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 283/2014

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2018) 292 final} - {SWD(2018) 312 final} - {SWD(2018) 313 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għall-perjodu ta' wara l-2020. Tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta[1] tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2020, inkluż l-ammont ta' EUR 42,265 miljun għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Bil-għan li jitqanqal il-ħolqien tal-impjiegi u li jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, l-Unjoni teħtieġ infrastruttura aġġornata u bi prestazzjoni għolja li tikkontribwixxi biex tikkollega u tintegra l-Unjoni u r-reġjuni kollha tagħha, fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. Dawn il-konnessjonijiet huma kruċjali għall-moviment ħieles tal-persuni, tal-merkanzija, tal-kapital u tas-servizzi. In-netwerks trans-Ewropej jiffaċilitaw il-konnessjonijiet transfruntiera, irawmu koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali akbar, u jikkontribwixxu għal ekonomija soċjali tas-suq aktar kompetittiva u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Il-viżjoni hija li l-Ewropa timxi lejn mobilità b'żero fatalitajiet, żero emissjonijiet u żero użu ta' karti, sabiex issir mexxejja dinjija fl-enerġija rinnovabbli u tkun minn ta' quddiem fl-ekonomija diġitali. Infrastruttura moderna, nadifa, intelliġenti, inklussiva, sikura u sigura se tipprovdi benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej, b'mod li jkunu jistgħu jivvjaġġaw, jittrasportaw il-merkanzija, ikollhom aċċess għall-enerġija u għal servizzi diġitali ta' kwalità għolja b'mod effiċjenti.

Għal dan il-għan, il-FNE jappoġġa l-investiment f'infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u diġitali, permezz tal-iżvilupp tan-netwerks trans-Ewropej (TEN). Fil-perjodu 2021-2027, qed jiġi propost li l-FNE tippromwovi wkoll il-kooperazzjoni transfruntiera fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Il-FNE tiffoka fuq proġetti tal-ogħla valur miżjud Ewropew, u tikkatalizza l-investimenti lejn proġetti b'impatt transfruntiera u lejn sistemi u servizzi interoperabbli mal-Ewropa kollha, li għalihom huwa essenzjali li jitkompla l-appoġġ ta' finanzjament lil hinn mill-2020. Bil-modus operandi effiċjenti tagħha, il-FNE tindirizza n-nuqqasijiet tas-suq u tgħin biex jiġi lliberat aktar investiment minn sorsi oħra, speċifikament is-settur privat, b'sinerġija u b'mod kumplimentari ma' InvestEU u programmi oħra tal-Unjoni.

Il-FNE *"hija maħsuba biex trawwem l-investiment fin-netwerks trans-Ewropej. Dawk in-netwerks u l-kooperazzjoni transfruntiera mhux talli huma kruċjali għall-funzjonament tas-Suq Uniku, talli huma wkoll strateġiċi biex jiġu implimentati l-Unjoni tal-Enerġija, is-Suq Uniku Diġitali u l-iżvilupp ta' mezzi ta' trasport sostenibbli. Mingħajr intervent tal-UE, l-*

[1] https://ec.europa.eu/commission/publications/factsheets-long-term-budget-proposals_mt

operaturi privati u l-awtoritajiet nazzjonali ma jkollhomx biżżejjed inċentivi biex jinvestu fi proġetti ta' infrastruttura transfruntiera"[2].

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2021-2027 tirrifletti l-importanza tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, bi qbil mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-impenn lejn l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'hekk tistabbilixxi mira ambizzjuża għar-razzjonalizzazzjoni klimatika fil-programmi kollha tal-UE, b'mira kumplessiva ta' 25 % tan-nefqa tal-UE tikkontribwixxi għall-għanijiet klimatiċi. Il-FNE mistennija tagħti kontribut ewlieni lejn din il-mira, b'60 % tal-pakkett tagħha mistennija tikkontribwixxi lejn l-għanijiet klimatiċi. Il-kontribut ta' dan il-programm lejn il-kisba ta' dan l-għan ġenerali se jiġi segwit minn sistema ta' referenza klimatika tal-UE, f'livell xieraq ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi fejn dawn ikunu disponibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tippreżenta l-informazzjoni kull sena f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-abbozz ta' baġit annwali.

Biex tappoġġa l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-programm biex jikkontribwixxi lejn l-għanijiet klimatiċi, il-Kummissjoni se tfittex li tidentifika azzjonijiet rilevanti tul il-proċessi tat-tħejjija, l-implimentazzjoni, ir-rieżami u l-valutazzjoni.

Il-ħtiġijiet futuri għad-dekarbonizzazzjoni u għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni se jimplikaw konverġenza dejjem ikbar tas-setturi tat-trasport, tal-enerġija u diġitali. Għaldaqstant, għandhom jiġu sfruttati kemm jista' jkun is-sinerġiji bejn it-tliet setturi, b'mod li jimmassimizza l-effettività u l-effiċjenza tal-appoġġ tal-Unjoni. L-eżempji ta' oqsma ta' sinġerija jinkludu l-mobilità konnessa u awtonoma, il-mobilità nadifa abbażi ta' fjuwils alternattivi, il-ħżin tal-enerġija u l-grilji intelliġenti. Sabiex jippromwovu proġetti li jħaddnu iktar minn settur wieħed, l-inċentivi se jinkludu l-possibbiltà li tiġi applikata l-ogħla rata ta' kofinanzjament tas-setturi kkonċernati. Barra minn hekk, se jkun possibbli li kull settur jaċċetta bħala kostijiet eliġibbli elementi anċillari li jkollhom x'jaqsmu ma' settur ieħor, pereżempju l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fi ħdan proġett tat-trasport. Sabiex jingħataw inċentiv u prijorità lill-proposti transsettorjali, in-natura sinerġetika ta' azzjoni proposta se tiġi vvalutata skont il-kriterji tal-għażla. Is-sinerġiji se jiġu implimentati permezz ta' programmi ta' ħidma konġunti u finanzjament konġunt li jinvolvu lis-setturi rilevanti.

Fil-każ tat-trasport, il-FNE timmira li tikkontribwixxi għat-tlestija taż-żewġ strati tat-TEN-T: is-sinsla strateġika (jiġifieri n-netwerk ewlieni) sal-2030, u s-saff l-aktar estensiv tiegħu (jiġifieri n-netwerk komprensiv) sal-2050. Tappoġġja wkoll l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku Ewropew għall-mezzi kollha ta' traffiku, b'mod partikolari għat-trasport bl-ajru u bil-ferrovija, u tgħin fit-tranżizzjoni tal-UE lejn mobilità intelliġenti, sostenibbli, inklużiva, sikura u sigura (eż. billi tistabbilixxi netwerk Ewropew ta' infrastruttura għall-iċċarġjar għall-fjuwils alternattivi). Huwa stmat li t-tlestija tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T sal-2030 tiġġenera 7.5 miljun sena tax-xogħol bejn l-2017 u l-2030, u li jkun hemm żieda addizzjonali fil-PDG ta' 1.6 % fl-Unjoni fl-2030.

Barra minn hekk, wara l-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-titjib tal-mobilità militari fl-Unjoni Ewropea ta' Novembru 2017[3], u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobilità Militari adottat fit-28 ta' Marzu 2018 mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet

2 Komunikazzjoni dwar Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, COM(2018) 321/4 tat-2 ta' Mejju 2018.
3 JOIN(2017) 41.

Barranin u l-Politika tas-Sigurtà[4], il-finanzjament tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-proġetti tat-trasport ta' użu doppju ċivili-militari għandu jiġi implimentat permezz tal-FNE.

Fil-każ tal-enerġija, l-enfasi hija fuq it-tlestija tan-netwerks trans-Ewropej tal-enerġija permezz tal-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà tan-netwerks fost il-fruntieri u s-setturi; l-iżvilupp sostenibbli billi tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni b'mod partikolari permezz tal-integrar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli; u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fost l-oħrajn permezz ta' infrastruttura aktar intelliġenti u diġitalizzata. Il-FNE tikkontribwixxi wkoll għall-kisba kosteffiċjenti tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, kif ukoll tal-għanijiet tal-klima u tal-enerġija għall-2030 u tad-dekarbonizzazzjoni fit-tul, billi tintegra l-enerġija rinnovabbli permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura xierqa u billi tappoġġja għadd limitat ta' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.

Fil-każ tas-settur diġitali, il-FNE timmassimizza l-benefiċċji li ċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha jistgħu jiksbu mis-Suq Uniku Diġitali. L-implimentazzjoni ta' netwerks diġitali ta' kapaċità għolja ħafna u b'livell għoli ta' sigurtà tappoġġja lis-servizzi diġitali innovattivi kollha, inkluż il-mobilità konnessa u servizzi oħrajn ta' interess pubbliku. Barra minn hekk, tikkontribwixxi biex tiżgura li kull mutur soċjo-ekonomiku ewlieni, bħall-iskejjel, l-isptarijiet, ċentri tat-trasport u l-fornituri ewlenin ta' servizzi pubbliċi kif ukoll intrapriżi diġitalment intensivi, jkollu aċċess għall-konnessjonijiet tal-broadband orjentati lejn il-futur (1 Gbit/sekonda) sal-2025. Tikkontribwixxi għall-konnettività ġenerali tat-territorji Ewropej, inkluż tar-reġjuni ultraperifiċi, mal-internet.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

L-għan kumplessiv tal-FNE huwa li tappoġġja l-kisba tal-għanijiet ta' politika tal-UE fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali, f'dak li jirrigwarda n-netwerks trans-Ewropej, billi tippermetti jew tħaffef l-investimenti fi proġetti ta' interess komuni, u li tappoġġja l-kooperazzjoni transfruntiera fl-ippjanar fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Se timmira li timmassimizza s-sinerġiji fost is-setturi koperti mill-FNE u mal-programmi oħrajn tal-UE.

Fis-settur tat-trasport, il-FNE tikkontribwixxi lejn għanijiet fit-tul tal-UE fejn jidħlu t-tlestija tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T sal-2030[5] u l-progress lejn it-tlestija tan-netwerk komprensiv tat-TEN-T sal-2050. Dan jinkludi t-tranżizzjoni lejn mobilità nadifa, kompetittiva u konnessa[6], l-implimentazzjoni tas-SESAR u tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), u t-tranżizzjoni b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju permezz ta' infrastruttura innovattiva, inkluż sinsla tal-UE għall-infrastruttura għall-iċċarġjar sal-2025.

Fis-settur tal-enerġija, il-FNE tikkontribwixxi għat-tlestija tal-kurituri ta' prijorità u l-oqsma tematiċi tat-TEN-E[7], skont l-għanijiet ta' "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha"[8], biex tiżgura l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija tal-Unjoni li jipprovdi s-sigurtà tal-provvista (fost l-oħrajn permezz ta' infrastruttura aktar intelliġenti u diġitalizzata), u biex

[4] JOIN(2018) 5.
[5] Ir-Regolament Nru 1315/2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, l-Artikolu 38.
[6] COM(2017)283 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-EWROPA ATTIVA Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd".
[7] Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea.
[8] COM(2016) 860 final.

tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u għall-għanijiet klimatiċi billi tintegra sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-FNE se tikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira proposta tal-UE għall-2030 b'mod kosteffettiv, fir-rigward tat-tranżizzjoni enerġetika u r-razzjonalizzazzjoni ta' politiki tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-akkopjament tas-setturi.

Fis-settur diġitali, il-FNE tikkontribwixxi għall-kisba tal-infrastruttura ta' konnettività diġitali ta' soċjetà tal-Gigabits[9], bħala kundizzjoni sottostanti għal suq uniku diġitali li jaħdem sew[10], kif ukoll għall-provvediment tal-infrastruttura meħtieġa biex tiġi appoġġjata kif xieraq it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà madwar l-UE kollha.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u diġitali se tiġi appoġġata sa livelli varji minn għadd ta' programmi u strumenti ta' finanzjament tal-UE, fosthom il-FNE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni, Orizzont Ewropa, InvestUE u LIFE. Huwa importanti li jsir l-aktar użu effiċjenti tal-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament varji tal-Unjoni, u li b'hekk jiġu massimizzati l-kumplimentarità u l-valur miżjud tal-investimenti appoġġati mill-Unjoni. Dan jintlaħaq permezz ta' proċess razzjonalizzat ta' investiment li jippermetti l-viżibbiltà fil-qasam tat-trasport u l-konsistenza fost programmi rilevanti tal-Unjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

L-azzjonijiet tal-Programm għandhom jintużaw biex jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment li mhumiex ottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma jiġi rduppjat jew soppress il-finanzjament privat, u b'valur miżjud Ewropew ċar. Dan se jiżgura l-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-programm u r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, b'mod li jevita t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

In-netwerks trans-Ewropej huma koperti mill-Artikolu 170 tat-TFUE, li jispeċifika: "L-Unjoni għandha tagħti l-kontribut tagħha sabiex jiġu stabbiliti u jiġu żviluppati netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija". Id-dritt tal-UE li taġixxi fil-qasam tal-finanzjament tal-infrastruttura huwa stabbilit fl-Artikolu 171, li jipprovdi li l-Unjoni "tista' tappoġġa proġetti ta' interess komuni li jingħataw sostenn mill-Istati Membri, (...) partikolarment permezz ta' studji ta' possibbiltà, garanziji għal self jew sussidji fuq ir-rati tal-interessi". L-Artikolu 172 tat-TFUE jispeċifika li "l-linji gwida u l-miżuri l-oħra previsti fl-Artikolu 171(1) għandhom jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni."

Il-promozzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli hija koperta mill-Artikolu 194 tat-TFUE, li jelenkaha b'mod espliċitu bħala wieħed mill-għanijiet tal-politiki tal-UE dwar l-enerġija.

---

9 Jiġifieri konnettività Gigabit għall-muturi soċjoekonomiċi ewlenin kollha, konnettività 5G ta' prestazzjoni għolja, aċċess għall-konnettività mal-internet li toffri veloċità ta' download ta' mill-inqas 100 Mbps, li tista' tiżdied għal veloċitajiet Gigabit għad-djar kollha Ewropej, inklużi dawk rurali, ara Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv - Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits - COM(2016) 587.

10 Suq Uniku Diġitali Konness għal kulħadd: COM(2017) 228.

Peress li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli li għandhom natura transfruntiera jikkontribwixxu għal kisba kosteffiċjenti tal-mira tal-Unjoni proposta għall-2030, l-istrument leġiżlattiv għandu jkun ibbażat ukoll fuq l-Artikolu 194 tat-TFUE.

L-istrument leġiżlattiv u t-tip ta' miżura (jiġifieri l-għoti ta' fondi), it-tnejn huma definiti fit-TFUE, li jipprovdi l-bażi ġuridika għall-FNE, u li jistipula li l-kompiti, l-objettivi prijoritarji u l-organizzazzjoni tan-netwerks trans-Ewropej, jistgħu jiġu ddefiniti f'regolamenti.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-iskala tal-problemi li qed jiġu indirizzati mill-FNE teħtieġ speċifikament azzjoni mill-UE peress li min-natura tagħhom għandhom dimensjoni Ewropea, u jistgħu jiġu solvuti b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-Unjoni, u b'hekk jinkisbu benefiċċji akbar b'mod ġenerali, implimentazzjoni aktar mgħaġġla u tnaqqis ta' spejjeż jekk l-Istati Membri jaġixxu flimkien. Il-ħtiġijiet ta' investiment fit-TENs lil hinn mill-2020 huma sinifikanti ħafna, u jisbqu r-riżorsi disponibbli fil-livell tal-Istat Membru.

Il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli huma wkoll mistennija li jkunu ffinanzjati aktar mis-suq fil-futur. L-appoġġ potenzjali f'dan il-qasam sempliċiment jikkumpensa l-kost biex jingħelbu l-ostakli u n-nuqqas ta' inċentivi assoċjati mal-kooperazzjoni lil hinn mill-fruntieri fost l-Istati Membri u/jew l-ostakli li jipprevjenu l-integrazzjoni tas-settur. Tali koordinazzjoni fost l-Istati Membri tista' twassal għal ekonomiji ta' skala, tevita d-duplikazzjoni tal-infrastrutturi, iżżid il-mobilizzazzjoni madwar l-Ewropa biex jiġi rifless aktar il-potenzjal disponibbli, tikkontribwixxi għall-konverġenza tal-politika u b'hekk għal aktar integrazzjoni tas-suq, trasferiment u adozzjoni ta' għarfien u r-replikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi fis-suq domestiku Ewropew.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni għal azzjoni fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej, kif definit fl-Artikolu 170 tat-TFUE u fl-Artikolu 194 tat-TFUE għall-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. L-azzjoni maħsuba minn din il-proposta hija speċifikament limitata għad-dimensjoni Ewropea tal-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u dik diġitali u l-użu transfruntiera tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Skont ir-Regolament attwali dwar il-FNE[11], il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-benefiċjarji kkonċernati, kienet meħtieġa tressaq rapport[12] dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tan-FNE lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport ġie adottat mill-Kummissjoni fit-13 ta' Frar 2018 u kien akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD). L-evalwazzjoni vvalutat il-prestazzjoni ġenerali tal-Programm fid-dawl tal-għanijiet ġenerali u settorjali tiegħu, kif ukoll meta mqabbla ma' dak li nkiseb b'riżultat ta' azzjoni nazzjonali jew tal-UE. F'konformità mal-Linji Gwida tal-

[11] L-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013.
[12] COM(2018) 65.

Kummissjoni Ewropea dwar Regolamentazzjoni Aħjar, l-evalwazzjoni saret skont ħames kriterji: l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE.

B'mod ġenerali, il-konklużjonijiet tal-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-FNE kienu dawn li ġejjin:

"L-evalwazzjoni wriet li wara tliet snin u nofs tal-implimentazzjoni tal-FNE, il-programm qiegħed fit-triq it-tajba, għalkemm għadu kmieni wisq biex jitkejlu r-riżultati meta jitqies li l-programm għadu fi stadju bikri tal-implimentazzjoni. Barra minn hekk, il-qafas ta' prestazzjoni stabbilit fir-Regolament huwa nieqes minn indikaturi definiti sew jew robusti. B'din ir-riserva fil-ħsieb, l-evalwazzjoni wriet li:

- *Il-FNE huwa strument effettiv u mmirat għall-investiment fl-infrastruttura trans-Ewropea (TEN) fit-trasport, fl-enerġija u fis-settur diġitali. Mill-2014 'l hawn ġew investiti EUR 25 biljun, li rriżultaw f'madwar EUR 50 biljun ta' investiment ġenerali fl-infrastruttura fl-UE. Il-FNE kkontribwixxa għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni dwar l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, is-suq intern, l-Unjoni tal-Enerġija u l-klima, u s-Suq Uniku Diġitali. B'hekk qed isaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE.*

- *Il-FNE jġib valur miżjud Ewropew għoli għall-Istati Membri billi jappoġġja proġetti ta' konnettività b'dimensjoni transfruntiera. Il-biċċa l-kbira tal-finanzjament jingħata għall-proġetti li joħolqu konnessjonijiet nieqsa u jneħħu l-ostakli, bil-għan li jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-UE u l-koeżjoni territorjali fost l-Istati Membri fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali. Il-proġetti fl-enerġija jipprovdu wkoll sigurtà tal-provvista u huma punti essenzjali għad-dekarbonizzazzjoni u l-modernizzazzjoni kosteffiċjenti tal-ekonomija. Il-FNE huwa wkoll strumentali fl-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda fil-ġestjoni tat-traffiku u s-sikurezza tal-UE kollha (eż. SESAR għall-avjazzjoni, ERTMS għall-ferroviji), linji tal-elettriku bi prestazzjoni għolja u grilji intelliġenti essenzjali għall-adozzjoni mgħaġġla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli bla karbonju, u fl-introduzzjoni ta' Servizzi Diġitali broadband u interkonnessi (bħad-Data Miftuħa, is-Saħħa elettronika, l-Akkwist elettroniku, l-Identifikazzjoni elettronika u l-Firma elettronika).*

- *Il-ġestjoni diretta tal-għotjiet tal-FNE tat prova li kienet effiċjenti ħafna, b'riżerva ta' proġetti b'saħħitha u proċess tal-għażla kompetittiv, b'fokus fuq l-objettivi tal-politika tal-UE, implimentazzjoni koordinata u involviment sħiħ tal-Istati Membri. L-aġenzija eżekuttiva INEA għandha rekord tal-passat tajjeb ħafna dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-CEF u dwar l-ottimizzazzjoni tal-baġit, partikolarment minħabba l-flessibbiltà tagħha biex rapidament talloka mill-ġdid flus li ma jintefqux minn xi azzjonijiet biex tiffinanzja oħrajn ġodda.*

- *Għall-ewwel darba, sehem tal-baġit ta' koeżjoni (EUR 11.3 biljun għat-trasport) ġie utilizzat taħt ġestjoni diretta fil-qafas tal-FNE. 100 % tal-pakkett ġie allokat matul l-ewwel nofs tal-perjodu tal-programm, kważi esklussivament fuq modalitajiet ta' trasport sostenibbli. Assistenza teknika mmirata, spejjeż amministrattivi aktar baxxi għall-Istati Membri, prijoritajiet ta' finanzjament ċari u riżerva ta' proġetti soda li ġejja mill-kontinwità ta' proġetti u studji li qabel kienu appoġġjati mill-Programm tat-TEN-T jew mill-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni kkontribwew għall-allokazzjoni mgħaġġla tal-fondi.*

- *Il-FNE kompliet tuża u tiżviluppa strumenti finanzjarji innovattivi. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħhom kienet limitata minħabba l-possibbiltajiet ġodda offruti mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. L-użu tal-istrumenti finanzjarji tal-FNE mistenni jaqbad ir-ritmu matul it-tieni nofs tal-programm meta l-kumplimentarjetà bejn l-istrumenti finanzjarji speċifiċi tal-FNE u l-FEIS jkunu ġew assigurati."* Il-Fond tal-Broadband Nikkollegaw l-Ewropa, li jibni fuq il-kontribuzzjonijiet mill-FNE u mill-FEIS, huwa mistenni li jibda jopera fl-2018 u jiffinanzja l-implimentazzjoni ta' netwerks ta' kapaċità għolja ħafna f'żoni mhux moqdija biżżejjed, b'effett ta' ingranaġġ importanti.

- *"Barra minn hekk, l-ewwel esperjenza pożittiva ħafna ta' taħlit tal-għotjiet mal-istrumenti finanzjarji saret fl-2017 fit-trasport, b'EUR 2.2 biljun ta' finanzjament mitluba għal sejħa b'baġit indikattiv ta' EUR 1 biljun, li ppermettiet l-użu ta' għotjiet biex jiġi massimizzat l-ingranġġ ta' fondi privati u pubbliċi.*

- *In-nefqa tal-FNE fit-trasport u l-enerġija hija kontributur sinifikanti għall-mira tal-UE li mill-anqas 20 % tat-total tal-baġit tal-UE jkun iddedikat għall-infiq fuq azzjonijiet relatati mal-klima."* Fil-qasam tal-enerġija aktar minn 50 % tal-baġit tal-enerġija tal-FNE kien allokat għat-trażmissjoni tal-elettriku u grilji intelliġenti u għalhekk ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni tal-enerġija.

- *"Fis-settur tat-telekomunikazzjoni, il-fokus doppju tal-FNE fuq is-servizzi diġitali transfruntiera ta' interess pubbliku u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u tal-informatika wera li l-programm għandu impatt importanti għall-kisba tal-għanijiet tas-suq uniku diġitali tal-UE, li jippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jaċċessaw servizzi diġitali ta' kwalità għolja madwar l-Ewropa. Għen ukoll biex tiġi żviluppata u implimentata politika komuni li tindirizza sfidi tas-soċjetà inkluż it-trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa, is-siġurtà ċibernetika u d-diġitalizzazzjoni tal-gvernijiet. Madankollu, minħabba r-riżorsi limitati, it-Telekomunikazzjoni tal-FNE setgħet tappoġġa biss l-ewwel passi lejn infrastruttura diġitali transfruntiera sħiħa f'oqsma ta' interess pubbliku."* Minħabba l-pakkett limitat allokat għall-broadband taħt il-FNE fir-rigward tad-daqs tal-qasma fl-investiment, kien meħtieġ li jiġi implimentat b'mod innovattiv u li jimmira għall-massimu tal-ingranaġġ biex tiġi żgurata l-effettività. Madankollu, minħabba l-istruttura kumplessa tal-istrumenti finanzjarji dedikati, l-investimenti fuq il-post se jimmaterjalizzaw biss aktar 'il quddiem fl-implimentazzjoni tal-programm.

- *"Il-FNE ttestjat ukoll sinerġiji transsettorjali, iżda kienet limitata b'restrizzjonijiet fil-qafas ġuridiku/baġitarju attwali. Il-linji gwida tal-politika settorjali u l-istrument tal-FNE jridu jkunu aktar flessibbli biex jiffaċilitaw is-sinerġiji u jirrispondu aħjar għal żviluppi u prijoritajiet teknoloġiċi ġodda bħad-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni u jindirizzaw l-isfidi komuni tas-soċjetà bħas-sigurtà ċibernetika.*

- *It-tlestija tat-TENs kif iddefinit fil-prijoritajiet tal-politika tal-UE xorta se tkun teħtieġ investimenti kbar, li parti minnhom se tiddependi fuq l-appoġġ kontinwu tal-UE. Id-daqs tal-FNE attwalment jagħmilha possibbli li tindirizza biss xi wħud mill-fallimenti tas-suq li ġew identifikati fit-tliet setturi. Għalhekk, jeżisti l-potenzjal biex jiġi sfruttat aktar investiment pubbliku u privat kieku kien hemm baġit addizzjonali tal-UE disponibbli biex jindirizza l-fallimenti tas-suq."*

Il-proposta li l-kooperazzjoni transfruntiera fuq l-enerġija rinnovabbli ssir eliġibbli għall-finanzjament tal-FNE hija appoġġata mis-sejbiet rilevanti tal-evalwazzjoni REFIT tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli tal-2016[13].

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fl-10 ta' Jannar 2018 tnediet konsultazzjoni pubblika online li baqgħet miftuħa għal tmien ġimgħat, sad-9 ta' Marzu 2018, u li ġiet organizzata bħala parti minn sensiela ta' konsultazzjonijiet pubbliċi li jkopru l-ispettru sħiħ tal-finanzjament futur tal-UE. Għalkemm il-konsultazzjoni pubblika kopriet is-suġġett tal-finanzjament ta' infrastruttura strateġika (inklużi l-FNE, Galileo u ITER), aktar minn 96 % tat-tweġibiet kienu relatati mal-FNE.

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati tennew l-appoġġ tagħhom għall-programm FNE u enfasizzaw ir-rwol ewlieni li dan għandu fil-kontribuzzjoni għall-għanijiet tal-UE f'oqsma bħat-tlestija tat-TENs, il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi madwar l-UE, u t-tranżizzjoni għal ekonomija u soċjetà b'livell baxx ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Il-partijiet ikkonċernati ħeġġew aktar flessibbiltajiet fil-programm il-ġdid sabiex jinħolqu aktar sinerġiji fost it-tliet setturi.

Dawk li wieġbu rigward is-settur tat-trasport enfasizzaw l-importanza tal-FNE fl-iffaċilitar ta' proġetti transfruntiera kif ukoll fit-tneħħija ta' konġestjonijiet u ta' konnessjonijiet neqsin.

Ħafna mit-tweġibiet relatati mal-enerġija kkonfermaw il-kontribuzzjoni importanti tal-FNE għat-tlestija tan-netwerk tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropew u b'estensjoni għat-twettiq tal-miri tal-Unjoni tal-Enerġija li pproduċew benefiċċji sinifikanti għaċ-ċittadini Ewropej kollha, bit-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju li hija meqjusa l-akbar fost l-isfidi tal-futur.

Il-partijiet ikkonċernati appellaw għal żieda fil-baġit sabiex jitħaffu d-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni kemm tas-settur tal-enerġija kif ukoll tat-trasport, u biex tiżdied il-konnettività madwar l-UE.

Dawk li wieġbu dwar is-settur diġitali enfasizzaw ir-rwol ċentrali tal-konnettività tal-broadband bħala katalizzatur għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali fis-soċjetà u fost is-setturi. Sabiex tiżdied il-kompetittività tal-UE, talbu li jkun hemm aktar investimenti fil-konnettività u fil-5G, li jkunu jgħinu biex titjieb il-prestazzjoni ekonomika, jiġġeneraw l-impjiegi fl-UE u jippromwovu qabża kwalitattiva fit-tranżizzjoni lejn Soċjetà Diġitali.

Fl-istess ħin il-partijiet ikkonċernati pprovdew rispons utli dwar l-oqsma li jeħtieġu aktar titjib jew żvilupp. Aktar dettalji dwar dan jinsabu fir-rapport ta' konsultazzjoni fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq Valutazzjoni tal-Impatt (VI) ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fil-21 ta' Marzu 2018 u li dwarha l-Bord ħareġ opinjoni pożittiva (numru ta' ref. "MFF – CEF") b'xi riżervi. B'mod partikolari l-Bord irrakkomanda li tittejjeb id-deskrizzjoni tal-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Programm, li tiġi spjegata aħjar il-koerenza ma' programmi oħrajn tal-UE, u li jingħataw aktar dettalji dwar kif l-estensjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm isaħħu l-karattru transfruntiera

[13] SWD(2016) 416.

tal-FNE. Il-verżjoni finali tar-rapport tal-VI tirrifletti r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Bord fl-opinjoni tiegħu[14].

F'konformità mal-approċċ ġenerali applikat għall-valutazzjonijiet tal-impatt kollha relatati mal-QFP, il-VI għall-FNE ffukat fuq il-bidliet u l-għażliet ta' politika previsti fil-proposta leġiżlattiva. B'mod partikolari r-rapport spjega l-istruttura u l-prijoritajiet għall-kontinwazzjoni proposta tal-programm FNE u studja l-opzjonijiet għall-aħjar implimentazzjoni. Ir-rapport dwar il-VI bbaża fuq it-tagħlimiet meħuda u l-esperjenza mill-FNE attwali bl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu riċenti tal-FNE użata bħala s-sors ewlieni tad-data (minbarra r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika miftuħa organizzata bħala parti minn sensiela ta' konsultazzjonijiet pubbliċi li jkopru l-ispettru sħiħ tal-finanzjament futur tal-UE u ta' skambji aktar immirati mal-partijiet ikkonċernati fil-każ ta' sinerġiji u enerġija rinnovabbli).

Mit-tagħlimiet meħuda u wara li tqiesu l-isfidi u l-iżviluppi ġodda (b'mod partikolari fil-qasam tas-settur diġitali), ġie vvalutat jekk kienx hemm il-ħtieġa li l-għanijiet jiġu aġġustati għat-tkomplija tal-programm. Ġew stabbiliti l-isfidi futuri għall-programm il-ġdid tal-FNE u saret valutazzjoni ta' kif il-FNE tista' timplimenta l-għanijiet komuni tal-QFP bħas-simplifikazzjoni, flessibilità akbar u prestazzjoni mtejba. L-istruttura u l-prijoritajiet, il-kalibrazzjoni mal-FNE attwali kif ukoll il-mekkaniżmu mistenni ta' implimentazzjoni tal-programm il-ġdid ġew diskussi wkoll mill-perspettiva tal-Programm li effettivament jilħaq l-għanijiet stabbiliti. Ġew ivvalutati opzjonijiet alternattivi ta' implimentazzjoni b'mod partikolari għall-estensjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni ta' intervent tal-Programm, kemm fil-pilastru diġitali kif ukoll għall-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.

Il-VI studjat ukoll opzjonijiet u kapaċitajiet għat-titjib tas-sinerġiji bejn is-setturi koperti mill-Programm. Ivvalutat b'mod partikulari l-possibbiltà li jiġu adottati programmi ta' ħidma konġunti li jkopru prijoritajiet speċifiċi ta' setturi varji, u t-tneħħija ta' ostakli li xekklu s-sinerġiji fil-perjodu attwali, speċifikament fejn jidħlu r-regoli tal-eliġibbiltà.

Il-proposta tal-Kummissjoni tikkorrispondi b'mod preċiż mal-għażla ta' politika preferuta identifikata fil-valutazzjoni.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Fil-qafas tal-miżuri ta' simplifikazzjoni globali tal-Kummissjoni taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għal wara l-2020, l-isforzi ta' simplifikazzjoni ġenerali se jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-programm FNE. It-tħejjija tal-QFP li jmiss tnediet mill-Kummissjoni bil-pubblikazzjoni tal-White Paper dwar il-Futur tal-Ewropa f'Marzu 2017. Il-passi sussegwenti kienu l-pubblikazzjoni tad-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE f'Ġunju 2017 u d-dokumenti ta' gwida dwar l-atti bażiċi tal-programm simplifikat ipprovduti mid-DĠ BUDG f'Novembru/Diċembru 2017. Ir-riżultati ta' dan il-proċess politiku pprovdew gwida minn fuq għal isfel għall-QFP li jmiss, u se jaffettwaw il-forma tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-FNE għal wara l-2020.

Saru sforzi ta' simplifikazzjoni ġenerali għar-Regolament dwar il-FNE għal wara l-2020 skont il-gwida orizzontali deskritta hawn fuq. Dan huwa konformi mal-programmi ta' finanzjament l-oħrajn kollha u konsegwentement se jaffettwa l-FNE l-ġdida b'mod partikolari fis-simplifikazzjoni tal-opzjonijiet tal-kostijiet, ir-rati ta' kofinanzjament, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u fl-iżvilupp tal-għanijiet, il-monitoraġġ u r-rapportar tal-programm. Se jipprevedi wkoll qafas ġuridiku aktar simplifikat tal-FNE permezz ta' regolament dwar il-

[14] Ir-reviżjonijiet li saru fil-VI wara l-opinjoni tal-Bord huma ddettaljati fl-Anness 1 tal-VI.

FNE simplifikat u l-possibilità li jiġu ddelegati dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet lil programmi ta' ħidma, li jiffaċilitaw aktar sinerġiji fost it-tliet setturi u jippermettu lill-FNE tadatta għall-ħtiġijiet futuri.

Is-simplifikazzjoni tal-programm se tħaffef il-piż regolatorju u l-kostijiet ta' konformità għall-partijiet ikkonċernati involuti fil-Programm, u għaldaqstant se jkollha impatt pożittiv fuq il-kompetittività tal-UE fis-setturi kkonċernati. Se tippermetti wkoll aktar sforzi ta' diġitalizzazzjoni skont il-Linji Gwida dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar u skont is-servizzi ta' appoġġ diġitali diġà stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-programm (eż. is-sistema ta' informazzjoni TENtec).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tinkludi l-ammonti li ġejjin:

Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027 (ċifri fi prezzijiet kurrenti – EUR)	
Trasport: *Inklużi:* Pakkett ġenerali Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni: Appoġġ għall-mobilità militari:	**30,615,493,000** 12,830,000,000 11,285,493,000 6,500,000,000
Enerġija	**8,650,000,000**
Diġitali	**3,000,000,000**
Total	**42,265,493,000**

Abbażi tal-esperjenza pożittiva mill-implimentazzjoni tal-programm FNE kurrenti, il-Kummissjoni tipproponi li tkompli l-implimentazzjoni tal-programm il-ġdid, għat-tliet setturi tal-FNE, b'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) tagħha.

Kif iddettaljat fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva, il-baġit propost se jkopri n-nefqa operattiva kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Programm, kif ukoll il-kost tar-riżorsi umani u nfiq ieħor amministrattiv b'konnessjoni mal-ġestjoni tal-Programm.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tal-Programm se tkun delegata lill-INEA, bl-eċċezzjoni ta' ċerti azzjonijiet ta' appoġġ tal-programm li se jkunu ġestiti direttament mid-DĠ prinċipali.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu[15] tal-FNE attwali 2014-2020 indikat li "*il-ġestjoni diretta tal-għotjiet tal-FNE tat prova li kienet effiċjenti ħafna, b'riżerva ta' proġetti b'saħħitha u proċess tal-għażla kompetittiv, b'fokus fuq l-objettivi tal-politika tal-UE, implimentazzjoni koordinata u involviment sħiħ tal-Istati Membri. L-aġenzija eżekuttiva INEA għandha rekord tal-passat tajjeb ħafna dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-FNE u dwar l-ottimizzazzjoni tal-baġit,*

[15] COM(2018) 66.

partikolarment minħabba l-flessibbiltà tagħha biex rapidament talloka mill-ġdid flus li ma jintefqux minn xi azzjonijiet biex tiffinanzja oħrajn ġodda."

Għaldaqstant huwa propost li jinżamm il-mekkaniżmu eżekuttiv attwali. Madankollu se jsir titjib rigward is-simplifikazzjoni u l-flessibilità.

Se jiġi stabbilit qafas ta' prestazzjoni aktar sempliċi iżda aktar robust meta mqabbel mal-FNE 2014-2020, biex jiġu mmonitorjati l-kisba tal-miri tal-Programm u l-kontribut tiegħu għall-għanijiet ta' politika tal-UE. L-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-progress tal-Programm se jkunu relatati b'mod partikolari ma':

- Netwerks u infrastruttura effiċjenti u interkonnessi għal mobilità intelliġenti, sostenibbli, inkluživa, sikura u sigura, kif ukoll l-adattament għar-rekwiżiti tal-mobilità militari;
- Kontribuzzjoni għall-interkonnettività u l-integrazzjoni tas-swieq, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-iffaċilitar tad-dekarbonizzazzjoni; kontribuzzjoni għal kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli;
- Kontribuzzjoni għall-użu ta' infrastruttura ta' konnettività diġitali madwar l-Unjoni Ewropea;

Id-data meħtieġa se tinġabar mill-INEA matul l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet appoġġjati. Għal dan il-għan, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni għal għotja u l-mudell tal-ftehim ta' għotja se jkunu jinkludu rekwiżiti proporzjonati għall-applikanti u għall-benefiċjarji sabiex jipprovdu d-data meħtieġa.

Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni f'nofs it-terminu u ex-post tal-Programm sabiex tivvaluta l-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tiegħu, skont l-Artikolu 34(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni se tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1 – Suġġett

Dan l-Artikolu jintroduċi s-suġġett tar-Regolament, li huwa li jistabbilixxi l-FNE.

Artikolu 2 – Definizzjonijiet

Dan l-Artikolu jistabbilixxi d-definizzjonijiet relatati mar-Regolament.

Artikolu 3 – Għanijiet

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-għan ġenerali tal-Programm, b'enfasi fuq is-sinerġiji fost is-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali, u l-għanijiet speċifiċi għal kull settur.

Artikolu 4 – Baġit

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-baġit totali għall-Programm. Il-baġit huwa mqassam bejn it-trasport (inkluż trasferiment mill-Fond ta' Koeżjoni u appoġġ għall-mobilità militari mir-raggruppament tad-Difiża), l-enerġija u l-qasam diġitali.

L-Artikolu jinkludi dispożizzjoni li tkopri l-ispejjeż kollha meħtieġa għall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu, evalwazzjoni u oħrajn; l-istudji meħtieġa, il-laqgħat tal-esperti, l-għodod tal-IT korporattivi u kwalunkwe assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Programm.

L-Artikolu jiddikjara wkoll li n-nefqa għall-azzjonijiet tista' tkun eleġibbli mill-1 ta' Jannar 2021 għall-ewwel programmi ta' ħidma.

L-Artikolu jiddikjara li għat-trasferiment mill-Fond ta' Koeżjoni għas-settur tat-trasport, l-allokazzjonijiet nazzjonali se jirrappreżentaw 70 % tat-trasferiment totali u se jkunu rrispettati sal-31 ta' Diċembru 2023. Barra minn hekk, jiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jitolbu li r-riżorsi allokati lilhom taħt il-ġestjoni kondiviża jistgħu jiġu ttrasferiti lill-FNE.

Artikolu 5 – Pajjiżi Terzi assoċjati fil-programm

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skont pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw fil-Programm.

Artikolu 6 – Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-UE

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-mod ta' ġestjoni tal-FNE bħala ġestjoni diretta u b'mod partikolari fil-forma ta' għotjiet u akkwist, kif ukoll fil-forma ta' strumenti finanzjarji fi ħdan operazzjonijiet ta' taħlit (blending). L-implimentazzjoni tal-Programm tista' tiġi ddelegata lil aġenzija eżekuttiva.

Artikolu 7 – Proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

Dan l-Artikolu huwa relatat mal-identifikazzjoni ta' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u mal-kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà applikabbli għalihom.

Artikolu 8 – Proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali

Dan l-Artikolu huwa relatat mal-identifikazzjoni tal-proġetti ta' infrastruttura ta' konnettività diġitali ta' interess komuni u mal-kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u prijoritizzazzjoni applikabbli biex dawn ikunu appoġġjati mill-Programm.

Artikolu 9 – Azzjonijiet eliġibbli

Dan l-Artikolu jagħti dettalji dwar l-azzjonijiet taħt kull għan speċifiku li huma eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja skont ir-Regolament.

Dan l-Artikolu jinkludi dispożizzjoni li tippermetti approċċ flessibbli lejn l-azzjonijiet li, minbarra li jindirizzaw għan speċifiku tal-Programm, jikkontribwixxu wkoll għall-iffaċilitar ta' sinerġiji fost is-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali.

Artikolu 10 – Sinerġiji

Dan l-Artikolu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-azzjonijiet ta' sinerġija fost is-setturi tal-Programm, jew permezz ta' programmi ta' ħidma transsettorjali jew permezz tal-kofinanzjament ta' elementi anċillari għal azzjoni, dejjem jekk jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu.

Artikolu 11 – Entitajiet eliġibbli

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-kriterji li skonthom il-persuni u l-entitajiet ikunu eliġibbli għall-Programm. Jiddikjara li l-programmi ta' ħidma jistgħu jipprevedu aktar kundizzjonijiet, bħall-qbil ta' Stat Membru mal-programm.

Artikolu 12 – Għotjiet

Dan l-Artikolu jistabbilixxi li l-għotjiet tal-FNE se jingħataw u jiġu ġġestiti skont ir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 13 – Kriterji tal-għoti

Dan l-Artikoli jipprevedi referenza komuni għat-tliet setturi rigward il-kriterji tal-għoti fejn tidħol il-valutazzjoni ta' proposta.

Jintroduċi rekwiżiti speċifiċi li jippermettu li jitqies aħjar l-approċċ tal-kurituri fis-settur tat-trasport, b'mod partikolari fejn applikabbli, il-pjanijiet ta' ħidma tal-kurituri u l-atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 u l-opinjoni tal-Koordinatur Ewropew responsabbli skont l-Artikolu 45(8) tal-istess Regolament.

Artikolu 14 – Rati ta' kofinanzjament

Dan l-Artikolu jistabbilixxi r-rati massimi ta' kofinanzjament applikabbli għal kull settur. Jipprevedi wkoll ir-rati massimi ta' kofinanzjament fil-każ ta' programmi ta' ħidma transsettorjali li jkopri iktar minn settur wieħed bil-għan tal-iffaċilitar tas-sinerġiji.

L-Artikolu jintroduċi wkoll deroga rigward l-ammonti trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni.

Artikolu 15 – Kostijiet eliġibbli

Dan l-Artikolu jipprevedi l-kriterji tal-eliġibbiltà tal-kostijiet li japplikaw flimkien mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 186 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 16 – Taħlit tal-għotjiet ma' sorsi oħra ta' finanzjament

Dan l-Artikolu jiżgura l-possibbiltà li l-għotjiet jintużaw għat-taħlit ta' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew minn Banek Promozzjonali Nazzjonali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u ta' żvilupp oħrajn, kif ukoll minn istituzzjonijiet ta' finanzjament tas-settur privat u minn investituri tas-settur privat, inkluż permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati.

Artikolu 17 – Tnaqqis jew terminazzjoni tal-għotjiet

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għat-tnaqqis jew it-terminazzjoni tal-għotjiet, sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba u biex jitnaqqsu r-riskji marbuta ma' dewmien kbir li jista' jseħħ f'każ ta' proġetti ta' infrastruttura kbar. Jistabbilixxi li l-għotjiet jistgħu jitnaqqsu jew jiġu tterminati jekk l-azzjoni ma tkunx bdiet fi żmien sena wara d-data tal-bidu indikata fil-ftehim tal-għotja jew jekk, wara rieżami tal-progress tal-azzjoni, jiġi stabbilit li l-implimentazzjoni tal-azzjoni tant ġiet ittardjata li l-għanijiet tal-azzjoni x'aktarx li ma jintlaħqux.

Artikolu 18 – Finanzjament kumulattiv, kumplimentari u kkombinat

Dan l-Artikolu jiżgura li azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni taħt il-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet.

L-Artikolu jipprevedi l-possibbiltà li azzjoni proposta, li tkun ġiet ivvalutata b'mod pożittiv taħt il-FNE iżda forsi mhix iffinanzjata minħabba limitazzjonijiet baġitarji, tiġi ffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) jew mill-Fond ta' Koeżjoni.

Artikolu 19 – Programmi ta' ħidma

Dan l-Artikolu jistabbilixxi li l-Programm se jkun implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma adottati mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami.

Artikolu 20 – Monitoraġġ u rapportar

Dan l-Artikolu jipprovdi link għall-Anness fejn wieħed jista' jsib l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-programm tal-FNE. L-Artikolu jippermetti li l-indikaturi jiġu emendati permezz ta' att delegat. Barra minn hekk, se jiġi żviluppat qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jippermetti l-valutazzjoni tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu.

Artikolu 21 – Evalwazzjoni

Dan l-Artikolu jeżiġi li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u ex-post tal-programm, u li tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Artikolu 22 – Proċedura ta' kumitat

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-FNE skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Jispeċifika li se tapplika l-proċedura ta' eżami prevista fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 23 – Atti Delegati

Dan l-Artikolu jippermetti li l-Kummissjoni tadotta atti delegati relatati mal-Partijiet I, II u III, IV u V tal-Anness.

Artikolu 24 – Eżerċizzju tad-delega

Dan l-Artikolu jinkludi dispożizzjonijiet standard dwar id-delega ta' setgħat.

Artikolu 25 – Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

Dan l-Artikolu jobbliga lil dawk li jirċievu finanzjament mill-FNE jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-UE għall-azzjonijiet tagħhom, u jobbliga lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-azzjonijiet u r-riżultati tal-FNE.

Artikolu 26 – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Dan l-Artikolu huwa marbut mal-kompetenza tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rigward tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.

Artikolu 27 – Tħassir u dispożizzjonijiet transitorji

Dan l-Artikolu jħassar ir-Regolament preċedenti tal-FNE (ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013) u r-Regolament (UE) Nru 283/2014 dwar linji gwida għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet.

Huma inklużi wkoll dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni relatati mal-azzjonijiet tal-FNE u mal-assistenza teknika u amministrattiva.

Artikolu 28 – Dħul fis-seħħ

Dan l-Artikolu jiddikjara li r-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Anness – Parti I – Indikaturi

Din il-Parti tal-Anness tindika l-indikaturi użati għall-monitoraġġ tal-progress tal-Programm b'rabta mal-għanijiet ġenerali u speċifiċi tiegħu.

Anness – Parti II – Perċentwali indikattivi għas-settur tat-trasport

Din il-Parti tal-Anness tinkludi perċentwali indikattivi għat-tqassim ta' riżorsi baġitarji fis-settur tat-trasport.

Anness – Parti III – Kurituri tan-netwerk ewlieni tat-trasport u sezzjonijiet identifikati minn qabel; Sezzjonijiet identifikati minn qabel fuq in-netwerk komprensiv

Din il-Parti tal-Anness tiddefinixxi l-allinjament tal-kurituri tan-netwerk ewlieni, inkluż is-sezzjonijiet identifikati minn qabel tagħhom, u tipprovdi lista indikattiva ta' sezzjonijiet transfruntiera fuq in-netwerk komprensiv.

Anness – Parti IV – Identifikazzjoni ta' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

Din il-Parti tal-Anness tiddefinixxi l-kriterji u l-proċedura għall-identifikazzjoni ta' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

Anness – Parti V – Proġetti ta' infrastruttura ta' konnettività diġitali ta' interess komuni

Din il-Parti tal-Anness tipprovdi lista indikattiva ta' proġetti ta' konnettività diġitali ta' interess komuni identifikati minn qabel.

2018/0228 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 283/2014

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 172 u 194 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Sabiex tikseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ u sabiex tistimola l-ħolqien tal-impjiegi, l-Unjoni teħtieġ infrastruttura tal-aktar teknoloġija riċenti u bi prestazzjoni għolja, li tikkontribwixxi biex tikkollega u tintegra l-Unjoni u r-reġjuni kollha tagħha, fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. Jenħtieġ li dawn il-konnessjonijiet jgħinu biex itejbu l-moviment ħieles tal-persuni, tal-merkanzija, tal-kapital u tas-servizzi. Jenħtieġ li n-netwerks trans-Ewropej jiffaċilitaw il-konnessjonijiet transfruntiera, irawmu aktar koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u jikkontribwixxu għal ekonomija soċjali tas-suq aktar kompetittiva kif ukoll għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

(2) L-għan tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ("il-Programm") huwa li tħaffef l-investiment fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej u li tagħti spinta lill-fondi mis-settur pubbliku u dak privat, filwaqt li żżid iċ-ċertezza legali u r-rispett għall-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Jenħtieġ li l-Programm jagħti lok kemm jista' jkun għal sinerġiji bejn is-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali, biex b'hekk tissaħħaħ l-effettività tal-azzjoni tal-Unjoni u jiġu ottimizzati l-kostijiet tal-implimentazzjoni.

(3) Jenħtieġ li l-Programm jimmira li jappoġġa proġetti dwar it-tibdil fil-klima, sostenibbli mill-aspett ambjentali u soċjali u, fejn xieraq, azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' adattament għat-tibdil fil-klima. B'mod partikolari, jenħtieġ li jissaħħu l-kontribuzzjoni tal-Programm għall-kisba tal-miri u tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi kif ukoll il-miri tal-klima u tal-enerġija għall-2030 u d-dekarbonizzazzjoni fit-tul.

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .

(4) Għaldaqstant, dan ir-Regolament, filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima bi qbil mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll mal-impenn tagħha lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, jenħtieġ li jirrazzjonalizza l-azzjoni klimatika u li jwassal għall-ilħiq ta' mira kumplessiva ta' 25 % tal-infiq baġitarju tal-UE b'appoġġ għall-għanijiet klimatiċi[3]. L-azzjonijiet fil-qafas ta' dan il-Programm mistennijin jikkontribwixxu 60 % mill-pakkett finanzjarju kumplessiv tal-Programm għall-għanijiet klimatiċi, fost l-oħrajn abbażi tal-indikaturi ta' Rio li ġejjin: i) 100 % għall-infiq marbut mal-infrastruttura ferrovjarja, mal-fjuwils alternattivi, mat-trasport urban nadif, mat-trażmissjoni tal-elettriku, mal-ħżin tal-elettriku, mal-grilji intelliġenti, mat-trasportazzjoni tas-CO_2 u mal-enerġija rinnovabbli; ii) 40 % għall-passaġġi fuq l-ilmijiet interni u għat-trasport multimodali, kif ukoll għall-infrastruttura tal-gass, jekk dan jagħti lok għall-użu miżjud tal-idroġenu rinnovabbli jew għall-bijometan. Se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u dawn se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-proċessi rilevanti ta' evalwazzjonijiet u ta' rieżami. Sabiex jiġi evitat li l-infrastruttura tkun vulnerabbli għal impatt potenzjali fit-tul mit-tibdil fil-klima, u sabiex jiġi żgurat li l-kost tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kkaġunati mill-proġett jiġi inkluż fl-evalwazzjoni ekonomika tal-proġett, il-proġetti appoġġati mill-Programm jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-protezzjoni klimatika skont il-gwida li jenħtieġ li tiġi żviluppata mill-Kummissjoni b'mod koerenti mal-gwida żviluppata għal programmi oħra tal-Unjoni fejn rilevanti.

(5) Għall-konformità mal-obbligi ta' rapportar stipulati fl-Artikolu 11(c) tad-Direttiva 2016/2284/UE dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u tħassar id-Direttiva 2001/81/KE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' fondi tal-Unjoni biex jappoġġaw il-miżuri meħudin bil-għan li jikkonformaw mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, in-nefqa marbuta mat-tnaqqis tal-emissjonijiet jew tal-inkwinanti tal-arja skont din id-Direttiva jenħtieġ li jkunu ttraċċati.

(6) Għan importanti ta' dan il-Programm huwa li jinħolqu aktar sinerġiji bejn is-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Programm jipprevedi l-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma transettorjali li jkunu kapaċi jindirizzaw oqsma speċifiċi ta' intervent, pereżempju fir-rigward tal-mobilità konnessa u awtomatizzata jew il-fjuwils alternattivi. Barra minn hekk, f'kull settur, jenħtieġ li l-Programm jipprevedi l-possibbiltà li jitqiesu eliġibbli ċerti komponenti anċillari li jappartienu għal settur ieħor, fejn tali approċċ itejjeb il-benefiċċju soċjoekonomiku tal-investiment. Is-sinerġiji bejn is-setturi jenħtieġ li jiġu inċentivati permezz tal-kriterji tal-għoti għall-għażla tal-azzjonijiet.

(7) Il-linji gwida dwar in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill[4] (minn hawn 'il quddiem "il-linji gwida tat-TEN-T") jidentifikaw l-infrastruttura tat-TEN-T, jispeċifikaw ir-rekwiżiti li għandhom ikunu ssodisfati minnha, u jipprevedu miżuri biex jiġu implimentati. Dawk il-linji gwida jipprevedu b'mod partikolari t-tlestija tan-netwerk ewlieni sal-2030 permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida, kif ukoll permezz tal-aġġornament u r-riabilitazzjoni sostanzjali tal-infrastruttura eżistenti.

[3] COM(2018) 321, p. 13.

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

(8) Sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fil-linji gwida dwar it-TEN-T, jenħtieġ li jiġu appoġġati bi prijorità l-konnessjonijiet transfruntiera u l-konnessjonijiet neqsin, kif ukoll li jiġi żgurat, fejn applikabbli, li l-azzjonijiet appoġġati huma konsistenti mal-pjanijiet ta' ħidma tal-kurituri stabbiliti skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 u mal-iżvilupp ġenerali tan-netwerk rigward il-prestazzjoni u l-interoperabbiltà.

(9) Sabiex jirrifletti l-flussi tat-trasport dejjem jikbru u l-evoluzzjoni tan-netwerk, jenħtieġ li jiġi adattat l-allinjament tal-kurituri tan-netwerk ewlieni u s-sezzjonijiet tagħhom identifikati minn qabel. Dawn l-adattamenti jenħtieġ li jkunu proporzjonati sabiex jippreżervaw il-konsistenza u l-effiċjenza tal-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-kurituri. Għan dan il-għan, it-tul tal-kurituri tan-netwerk ewlieni jenħtieġ li ma jiżdiedx b'iktar minn 15 %.

(10) Huwa meħtieġ li jiġu promossi l-investimenti favur mobilità intelliġenti, sostenibbli, inklużiva, sikura u sigura mal-UE kollha. Fl-2017, il-Kummissjoni ressqet "L-Ewropa Attiva"[5], sensiela wiesgħa ta' inizjattivi biex jagħmlu t-traffiku aktar sikur, biex iħeġġu t-tariffi intelliġenti għall-użu tat-toroq, biex inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2, it-tniġġis tal-arja u l-konġestjoni, biex jippromwovu l-mobilità konnessa u awtonoma, u biex jiżguraw kundizzjonijiet xierqa u ħinijiet ta' mistrieħ għall-ħaddiema. Jenħtieġ li dawn l-inizjattivi jkunu akkumpanjati minn appoġġ finanzjarju tal-Unjoni, fejn rilevanti permezz ta' dan il-Programm.

(11) Fir-rigward tat-teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni, il-linji gwida tat-TEN-T jitolbu li dan jippermetti d-dekarbonizzazzjoni tal-modi kollha tat-trasport kemm billi jistimula l-effiċjenza tal-enerġija kif ukoll l-użu ta' fjuwils alternattivi. Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri għall-implimentazzjoni ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi fl-Unjoni sabiex tonqos kemm jista' jkun id-dipendenza fuq iż-żejt u jittaffa l-impatt ambjentali tat-trasport, u teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li punti tal-iċċarġjar mill-ġdid jew għat-teħid ta' fjuwil aċċessibbli għall-pubbliku jkunu disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2025. Kif inhu ddettaljat fil-proposti tal-Kummissjoni[7] ta' Novembru 2017, jeħtieġ sett komprensiv ta' miżuri għall-promozzjoni tal-mobilità b'emissjonijiet baxxi, inkluż appoġġ finanzjarju fejn il-kundizzjonijiet tas-suq ma jagħtux inċentiv biżżejjed.

(12) Fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tagħha "Sustainable Mobility for Europe: safe, connected, and clean"[8], il-Kummissjoni ssottolinjat li l-vetturi awtomatizzati u s-sistemi ta' konnettività avvanzata se jagħmlu l-vetturi iktar sikuri, iktar faċli biex jinqasmu u iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini, inkluż dawk li jistgħu jkunu maqtugħin mis-servizzi tal-mobilità llum, bħall-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni pproponiet ukoll "Pjan ta' Azzjoni Strateġika tal-UE dwar is-Sikurezza tat-Toroq" u rieżami tad-Direttiva 2008/96 dwar il-ġestjoni tal-infrastruttura tas-Sikurezza tat-Toroq.

---

5 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewropa Attiva: Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd" – COM(2017) 283.

6 Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-twettiq ta' mobilità b'emissjonijiet baxxi Unoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tagħha u tiddefendi l-industrija u l-ħaddiema tagħha", COM(2017) 675.

8 COM(2018) 293.

(13) Sabiex ikun hemm titjib fit-tlestija ta' proġetti tat-trasport f'partijiet inqas żviluppati tan-netwerk, jenħtieġ li tiġi ttrasferita allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni lill-Programm għall-finanzjament ta' proġetti tat-trasport fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni. F'fażi inizjali u fil-limitu ta' 70 % tal-pakkett trasferit, l-għażla tal-proġetti eliġibbli għall-finanzjament għandha tirrispetta l-allokazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni. It-30 % li jifdal tal-pakkett ittrasferit jenħtieġ li jkunu allokati fuq bażi kompetittiva għal proġetti fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, bi prijorità għall-konnessjonijiet transfruntiera u l-konnessjonijiet neqsin. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġja lill-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw pjan xieraq ta' proġetti, b'mod partikolari billi jsaħħu l-kapaċità istituzzjonali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi kkonċernati.

(14) Wara l-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-titjib tal-mobilità militari fl-Unjoni Ewropea ta' Novembru 2017[9], il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobilità Militari adottat fit-28 ta' Marzu 2018 mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà[10] enfasizza li l-politika dwar l-infrastruttura tat-trasport toffri opportunità ċara biex jiżdiedu s-sinerġiji bejn il-ħtiġijiet ta' difiża u t-TEN-T. Il-Pjan ta' Azzjoni jindika li sa nofs l-2018, il-Kunsill huwa mistieden li jqis u jivvalida r-rekwiżiti militari b'rabta mal-infrastruttura tat-trasport, u li sal-2019, is-servizzi tal-Kummissjoni se jidentifikaw il-partijiet tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport li huma xierqa għat-trasport militari, inkluż aġġornamenti neċessarju tal-infrastruttura eżistenti. Jenħtieġ li l-finanzjament tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-proġetti ta' użu doppju jiġi implimentat permezz tal-Programm abbażi ta' programmi ta' ħidma partikolari li jispeċifikaw ir-rekwiżiti applikabbli kif iddefiniti fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni.

(15) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"[11], il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtiġijiet speċifiċi tat-trasport fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-ħtieġa li jingħata finanzjament mill-Unjoni biex dawn il-ħtiġijiet jiġu ssodisfati, inkluż permezz tal-Programm.

(16) Meta jitqiesu l-ħtiġijiet ta' investiment sinifikanti biex jitlesta n-netwerk ewlieni tat-TEN-T sal-2030 (stmat għal EUR 350 biljun matul l-2021-2027), in-netwerk komprensiv tat-TEN-T sal-2050 u l-investimenti għad-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni urbani (stmati għal EUR 700 biljun matul l-2021-2027), jixraq li jsir l-aktar użu effiċjenti tad-diversi programmi u strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni u b'hekk jiġi massimizzat il-valur miżjud Ewropew tal-investimenti appoġġjati mill-Unjoni. Dan jinkiseb permezz ta' proċess ta' investiment razzjonalizzat, li jippermetti l-viżibbiltà tar-riżerva ta' proġetti tat-trasport u l-konsistenza fost programmi rilevanti tal-Unjoni, speċifikament il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni u l-InvestEU. B'mod partikulari, jenħtieġ li jitqiesu fejn rilevanti l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kif iddettaljati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) XXX [ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, u regoli finanzjarji għal dawk u għall-Fond tal-Ażil

9 JOIN(2017) 41.
10 JOIN(2018) 5.
11 COM(2017) 623.

u l-Migrazzjoni, il-Fond tas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viża ("is-CPR")].

(17) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] jidentifika l-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jeħtieġu jiġu implimentati sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima, jidentifika l-proġetti ta' interess komuni neċessarji biex jiġu implimentati dawk il-prijoritajiet, u jistipula miżuri fil-kamp tal-għoti ta' permessi, l-involviment pubbliku u regolamentazzjoni sabiex titħaffef u/jew tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti, inkluż kriterji għall-eliġibbiltà ta' tali proġetti għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni.

(18) Id-Direttiva [id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riformulata] tenfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni li jinkludi l-użu mtejjeb tal-fondi tal-Unjoni, b'referenza espliċita għall-abilitazzjoni ta' azzjonijiet li jappoġġjaw il-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.

(19) Filwaqt li t-tlestija tal-infrastruttura tan-netwerk tibqa' l-prijorità biex jinkiseb l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli, l-integrazzjoni ta' kooperazzjoni transfruntiera fl-enerġija rinnovabbli tirrifletti l-approċċ adottat taħt il-Pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha b'responsabbiltà kollettiva biex tintlaħaq mira ambizzjuża għall-enerġija rinnovabbli fl-2030, u l-kuntest ta' politika mibdul b'objettivi ambizzjużi ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul.

(20) Teknoloġiji infrastrutturali innovattivi li jippermettu t-tranżizzjoni lejn sistemi ta' enerġija u ta' mobilità b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u jtejbu s-sigurtà tal-provvista huma essenzjali fid-dawl tal-aġenda tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE. B'mod partikolari, fil-Komunikazzjoni tagħha tat-23 ta' Novembru 2017 "Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tan-netwerks tal-enerġija tal-Ewropa"[13], il-Kummissjoni enfasizzat li r-rwol tal-elettriku, fejn l-enerġija rinnovabbli se tikkostitwixxi nofs l-iġġenerar tal-elettriku sal-2030, se jkomplu jmexxu d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi li sa issa huma ddominati mill-fjuwils fossili, bħat-trasport, l-industrija u t-tisħin u t-tkessiħ u li għaldaqstant, l-attenzjoni taħt il-politika tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea qiegħda dejjem tkun aktar fuq proġetti ta' interkonnessjonijiet tal-elettriku, ta' ħażniet tal-elettriku u ta' grilji intelliġenti. It-teknoloġiji u l-proġetti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju jenħtieġ li jingħataw kunsiderazzjoni xierqa u prijorità bħala sostenn tal-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni se timmira li żżid in-numru ta' proġetti ta' grilji intelliġenti transfruntiera, ta' ħażna innovattiva u ta' trasportazzjoni tad-diossidu tal-karbonju appoġġjati fil-qafas tal-Programm.

(21) Il-kisba tas-suq uniku diġitali tiddependi fuq l-infrastruttura ta' konnettività diġitali sottostanti. Id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea u l-modernizzazzjoni ta' setturi bħat-trasport, l-enerġija, il-kura tas-saħħa u l-amministrazzjoni pubblika tiddependi fuq l-aċċess universali għal netwerks affidabbli, affordabbli, kemm ta' kapaċità għolja kif ukoll ta' kapaċità għolja ħafna. Il-konnettività diġitali saret waħda mill-fatturi deċiżivi għall-għeluq ta' qasmiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, billi tappoġġa l-

12 Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

13 COM(2017) 718.

modernizzazzjoni ta' ekonomiji lokali u tirfed id-diversifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent tal-Programm fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali jenħtieġ li jkun aġġustat sabiex jirrifletti ż-żieda fl-importanza tiegħu għall-ekonomija u s-soċjetà b'mod ġenerali. Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġu stabbiliti l-proġetti ta' infrastruttura tal-konnettività diġitali ta' interess komuni meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tas-suq uniku diġitali tal-Unjoni, u li jitħassar ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14].

(22) Il-Komunikazzjoni dwar "Konnettività għal Suq Uniku Diġitali - Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits"[15] (l-Istrateġija tas-Soċjetà tal-Gigabits) tistabbilixxi għanijiet strateġiċi għall-2025, bil-għan li jiġi ottimizzat l-investiment fl-infrastruttura tal-konnettività diġitali. Id-Direttiva (UE) 2018/XXX [il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi] timmira, fost l-oħrajn, li toħloq ambjent regolatorju li jinċentivizza l-investimenti privati fin-netwerks ta' konnettività diġitali. Madankollu huwa ċar li l-użu tan-netwerk se jibqa' kummerċjalment mhux vjabbli f'ħafna żoni madwar l-Unjoni, minħabba diversi fatturi bħad-distanza u speċifiċitajiet territorjali jew ġeografiċi, densità tal-popolazzjoni baxxa u diversi fatturi soċjoekonomiċi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Programm jiġi aġġustat biex jikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-għanijiet strateġiċi stipulati fl-Istrateġija tas-Soċjetà tal-Gigabits, b'mod li jikkomplementa l-appoġġ ipprovdut għall-implimentazzjoni ta' netwerks b'kapaċità għolja ħafna minn programmi oħra, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond ta' InvestEU.

(23) Filwaqt li n-netwerks ta' konnettività diġitali kollha li huma konnessi mal-internet huma intrinsikament trans-Ewropej, minħabba prinċipalment il-funzjonament tal-applikazzjonijiet u s-servizzi li jabilitaw, il-prijorità għall-appoġġ permezz tal-Programm jenħtieġ li tingħata lil azzjonijiet bl-ogħla impatt mistenni fuq is-Suq Uniku Diġitali, fost l-oħrajn permezz tal-allinjament tagħhom mal-għanijiet tal-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għal Soċjetà tal-Gigabits, kif ukoll fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà, b'kunsiderazzjoni tan-nuqqasijiet tas-suq u tal-ostakli għall-implimentazzjoni osservati.

(24) L-iskejjel, l-universitajiet, il-libreriji, l-amministrazzjonijiet lokali, reġjonali jew nazzjonali, il-fornituri ewlenin tas-servizzi pubbliċi, l-isptarijiet u ċ-ċentri mediċi, il-hubs tat-trasport u impriżi diġitalment intensivi, huma entitajiet u postijiet li jinfluwenza żviluppi soċjoekonomiċi importanti fiż-żona li jinsabu fiha. Dawn il-muturi soċjoekonomiċi jenħtieġ li jkunu fil-quċċata tal-konnettività Gigabit sabiex jipprovdu aċċess għall-aqwa servizzi u applikazzjonijiet liċ-ċittadini, u lill-komunitajiet tan-negozju u lokali Ewropej. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġja l-aċċess għall-konnettività Gigabit għal dawn il-muturi soċjoekonomiċi bl-għan li jimmassimizza l-effetti sekondarji pożittivi tagħhom fuq l-ekonomija u s-soċjetà usa', inkluż bl-iġġenerar ta' domanda usa' għall-konnettività u s-servizzi.

(25) Barra minn hekk, fuq il-passi tas-suċċess tal-inizjattiva WiFi4EU, jenħtieġ li l-Programm ikompli jappoġġja l-provvediment ta' konnettività lokali bla fili, bla ħlas u ta' kwalità għolja fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali, inkluż l-entitajiet b'missjoni pubblika bħall-awtoritajiet pubbliċi u l-fornituri ta' servizzi pubbliċi kif ukoll fl-ispazji

14 Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2014 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14).

15 COM(2016) 587.

miftuħa aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali, sabiex jippromwovi l-viżjoni diġitali tal-Unjoni fil-komunitajiet lokali.

(26) Il-vijabbiltà tas-servizzi diġitali antiċipati tal-ġenerazzjoni li jmiss, bħas-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-Internet tal-Oġġetti li huma mistennija li jkunu ta' benefiċċju sinifikanti f'diversi setturi u għas-soċjetà inġenerali, se tkun teħtieġ kopertura transfruntiera mingħajr interruzzjoni b'netwerks 5G, b'mod partikolari biex l-utenti u l-oġġetti jkunu jistgħu jibqgħu konnessi anki meta jkunu mobbli. Madankollu x-xenarji tal-qsim tal-kostijiet għall-użu tal-5G f'dawn is-setturi għadhom mhux ċari, u r-riskji perċepiti tal-użu kummerċjali f'ċerti oqsma ewlenin huma għoljin ħafna. Il-kurituri tat-toroq u l-konnessjonijiet ferrovjarji huma mistennija li jkunu oqsma ewlenin għall-ewwel fażi tal-applikazzjonijiet il-ġodda fil-qasam tal-mobilità konnessa u għalhekk jikkostitwixxu proġetti transfruntiera vitali għall-finanzjament fil-qafas ta' dan il-Programm.

(27) It-territorji mhux konnessi fiż-żoni kollha tal-Unjoni, inkluż f'dawk ċentrali, jirrappreżentaw ostakli u potenzjal mhux sfruttat għas-suq uniku diġitali. F'ħafna miż-żoni rurali u mbiegħda, il-konnettività tal-internet ta' kwalità għolja jista' jkollha rwol essenzjali biex jiġi evitat id-distakk, l-iżolament u d-depopolazzjoni diġitali billi jonqsu l-ispejjeż għat-twassil tal-oġġetti u s-servizzi u parzjalment tiġi kkumpensata d-distanza. Il-konnettività tal-internet ta' kwalità għolja hija meħtieġa għal opportunitajiet ekonomiċi ġodda bħall-biedja ta' preċiżjoni jew l-iżvilupp ta' bijoekonomija f'żoni rurali. Jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi biex jipprovdi lill-familji Ewropej kollha, rurali jew urbani, b'konnettività fissa jew bla fili ta' kapaċità għolja ħafna, billi jiffoka fuq dawk l-użi li għalihom huwa osservat grad ta' nuqqas tas-suq, u li jista' jkun indirizzat permezz ta' għotjiet ta' intensità baxxa. Meta jagħmel dan, jenħtieġ li l-Programm jimmira li jikseb kopertura komprensiva tad-djar u t-territorji, peress li mhuwiex ekonomiku li wieħed jindirizza iktar 'l quddiem il-lakuni f'żona diġà koperta.

(28) L-implimentazzjoni ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ċentrali, inkluż permezz ta' kejbils sottomarini li jgħaqqdu territorji Ewropej ma' pajjiżi terzi f'kontinenti oħrajn jew li jgħaqqdu gżejjer Ewropej jew territorji extra-Ewropej mal-kontinent, hija meħtieġa sabiex jiġi pprovdut it-tnaqqis meħtieġ għal infrastruttura tant essenzjali, u sabiex jiżdiedu l-kapaċità u r-reżiljenza tan-netwerks diġitali tal-Unjoni. Madankollu, proġetti bħal dawn spiss ma jkunux kummerċjalment vjabbli mingħajr l-appoġġ pubbliku.

(29) Azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura ta' konnettività diġitali se jimplimentaw l-iktar teknoloġija xierqa għall-proġett speċifiku, filwaqt li jipproponu l-aqwa bilanċ bejn it-teknoloġiji l-iktar avvanzati f'termini ta' kapaċità ta' fluss tad-data, sigurtà tat-trażmissjoni, reżiljenza tan-netwerk u kosteffiċjenza, u jenħtieġ li jiġu pprijoritizzati billi l-programmi ta' ħidma jqisu kriterji stipulati f'dan ir-Regolament. L-implimentazzjoni ta' netwerks b'kapaċità għolja ħafna tista' tinkludi infrastruttura passiva, bil-għan li jiġu massimizzati l-benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali. Fl-aħħar nett, meta jiġu prijoritizzati azzjonijiet, ir-riperkussjonijiet pożittivi potenzjali f'termini ta' konnettività se jiġu kkunsidrati, pereżempju meta proġett implimentat jista' jtejjeb l-argument għall-vijabbiltà għal implimentazzjonijiet futuri li jwasslu għal aktar kopertura ta' territorji u popolazzjonijiet f'żoni li jkunu għadhom mhux koperti.

(30) L-Unjoni żviluppat it-teknoloġija tagħha stess ta' Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT, EGNOS/Galileo), kif ukoll is-sistema tagħha stess ta'

osservazzjoni tal-Art (Coperinus). Kemm EGNOS/Galileo kif ukoll Copernicus joffru servizzi avvanzati li jipprovdu benefiċċji ekonomiċi importanti lill-utenti pubbliċi u privati. Għaldaqstant, kull infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija jew diġitali ffinanzjat mill-Programm li tuża s-servizzi ta' PNT jew ta' osservazzjoni tal-Art jenħtieġ li tkun teknikament kompatibbli ma' EGNOS/Galileo u ma' Copernicus.

(31) Ir-riżultati pożittivi tal-ewwel Sejħa għal proposti għall-finanzjament imħallat varata fil-qafas tal-programm attwali fl-2017 ikkonfermaw ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-użu tal-għotjiet tal-UE għat-taħlit ma' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew minn Banek Promozzjonali Nazzjonali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u ta' żvilupp oħrajn, kif ukoll minn istituzzjonijiet ta' finanzjament tas-settur privat u minn investituri tas-settur privat, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Programm ikompli jipprevedi Sejħiet iddedikata li jippermettu t-taħlit bejn għotjiet tal-UE u sorsi oħra ta' finanzjament.

(32) L-għanijiet ta' politika ta' dan il-Programm se jiġu indirizzati wkoll permezz ta' strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja fil-qasam/fl-oqsma ta' politika [...] tal-Fond ta' InvestEU. L-azzjonijiet tal-Programm jenħtieġ li jintużaw biex jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment li mhumiex ottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma jiġi rduppjat jew soppress il-finanzjament privat, u b'valur miżjud Ewropew ċar.

(33) Sabiex jiġi promoss żvilupp integrat taċ-ċiklu tal-innovazzjoni, hemm bżonn li tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn is-soluzzjonijiet innovattivi żviluppati fil-kuntest tal-programmi qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Unjoni, u s-soluzzjonijiet innovattivi implimentati b'appoġġ mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Għal dan il-għan, is-sinerġiji ma' Orizzont Ewropa se jiżguraw li: (a) jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u s-settur diġitali fi ħdan l-UE, u jiġu stabbiliti matul il-proċess ta' ppjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa; (b) il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tappoġġa l-implimentazzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u l-infrastruttura diġitali, b'mod partikulari dawk li jirriżultaw minn Orizzont Ewropa; (c) l-iskambju ta' informazzjoni u dejta bejn Orizzont Ewropa u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa se jiġi ffaċilitat, pereżempju billi jingħata fokus lil teknoloġiji minn Orizzont Ewropa fi stadju avvanzat ta' tħejjija għas-suq, li jkunu jistgħu jiġu implimentati b'mod aktar profond permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

(34) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-perjodu kollu 2021-2027, li se jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fit-tifsira ta' [referenza li għandha tiġi aġġornata kif xieraq skont il-ftehim interistituzzjonali l-ġdid: il-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[16] għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali].

(35) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas biex jidentifika l-prijoritajiet ta' riforma nazzjonali u biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji pluriennali nazzjonali tagħhom stess b'appoġġ għal dawn il-prijoritajiet ta' riforma. Dawn l-istrateġiji jenħtieġ li jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma ta' kull sena, bħala mod kif jiġu strutturati u koordinati l-proġetti ta'

[16] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

investiment ta' prijorità li jkunu se jiġu appoġġati b'finanzjament nazzjonali u/jew tal-Unjoni. Jenħtieġ li jservu wkoll biex jintuża l-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li jkun se jasal speċifikament mingħand il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni, il-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti, InvestEU u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, fejn rilevanti. L-appoġġ finanzjarju jenħtieġ li jintuża b'mod konsistenti mal-pjanijiet enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni u nazzjonali, fejn rilevanti.

(36) Regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, u jiddeterminaw b'mod partikulari l-proċedura biex jiġi stabbilit u implimentat il-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifiki tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tas-saltna tad-dritt fl-Istati Membri, billi r-rispett għas-saltna tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u għall-finanzjament effettiv mill-UE.

(37) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom biex jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u biex iwasslu riżultati, filwaqt li jqisu b'mod partikulari l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Jenħtieġ li dan jinkludi kunsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(38) Pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jieħdu sehem fi programm tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-Ftehim taż-ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi b'deċiżjoni skont l-istess Ftehim. Pajjiżi terzi jistgħu jieħdu sehem ukoll abbażi ta' strumenti legali oħra. Jenħtieġ li tiddaħħal f'dan ir-Regolament dispożizzjoni speċifika biex jingħataw id-drittijiet meħtieġa u l-aċċess għall-uffiċjali awtorizzanti responsabbli, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) kif ukoll il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, biex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom bis-sħiħ.

(39) Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi r-regoli rigward l-għoti tal-għotjiet. Sabiex titqies l-ispeċifiċità tal-azzjonijiet appoġġjati mill-Programm u biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti fost is-setturi koperti mill-Programm, hemm bżonn li jiġu pprovduti indikazzjonijiet addizzjonali rigward il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għoti.

(40) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95[18] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[19] u r-Regolament

[17] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

tal-Kunsill (UE) 2017/193[20], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk sarx frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(41) Skont [referenza li trid tiġi aġġornata kif xieraq skont id-deċiżjoni l-ġdida dwar il-PTTE: l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE[22]], persuni u entitatijiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE) huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-għanijiet tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut.

(42) Jenħtieġ li l-Unjoni tfittex il-koerenza u sinerġiji mal-programmi tal-Unjoni għall-politiki esterni, inkluż għajnuna ta' qabel l-adeżjoni wara l-impenji meħudin fil-kuntest tal-Komunikazzjoni "Perspettiva kredibbli għat-tkabbir u involviment akbar tal-UE mal-Balkani tal-Punent"[23].

(43) Meta pajjiżi terzi jew entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi jipparteċipaw f'azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni jew proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, l-għajnuna finanzjarja jenħtieġ li tkun disponibbli biss jekk tkun essenzjali għall-kisba tal-għanijiet ta' dawn il-proġetti.

(44) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[24], hemm bżonn li dan il-Programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, partikularment fuq l-

---

19 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

20 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

21 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

22 ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1.

23 COM(2018) 65.

24 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14.

Istati Membri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet u tikkomunikahom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, sabiex tiġi vvalutata l-effettività u l-effiċjenza tal-finanzjament u l-impatt tiegħu fuq l-għanijiet ġenerali tal-Programm.

(45) Jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri adegwati ta' monitoraġġ u ta' rapportar, li jinkludu indikaturi, sabiex jiġi rrapportat il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet ġenerali u speċifiċi stipulati f'dan ir-Regolament. Din is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni jenħtieġ li tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Programm u tar-riżultati tiegħu tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Hemm bżonn li jiġu imposti rekwiżiti proporzjonati ta' rapportar fuq dawk li jirċievu fondi tal-Unjoni sabiex tinġabar id-data rilevanti għall-Programm.

(46) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].

(47) Sabiex jiġu adattati, fejn xieraq, l-indikaturi użati għall-monitoraġġ tal-Programm, il-perċentwali indikattivi tar-riżorsi baġitarji allokati għal kull għan speċifiku fis-settur tat-trasport, u d-definizzjoni tal-kurituri tan-netwerk ewlieni tat-trasport, is-setgħat li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegati lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Partijiet I, II u III tal-Anness ta' dan ir-Regolament. Huwa tassew importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(48) Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-Regolament (UE) 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 jenħtieġ li jitħassru. Madankollu, jenħtieġ li jinżammu l-effetti tal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] fir-rigward tal-lista ta' kurituri tat-trasport tal-merkanzija.

(49) Huwa meħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih malli jiġi ppubblikat, sabiex tiġi permessa l-adozzjoni f'waqtha tal-atti ta' implimentazzjoni pprovduti minnu,

---

25 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

26 Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1
Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (il-"Programm").

Jistabbilixxi l-għanijiet tal-Programm, il-baġit għall-perjodu 2021-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni, u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "azzjoni" tfisser kwalunkwe attività, li ġiet identifikata bħala waħda finanzjarjament u teknikament indipendenti, għandha skeda ta' żmien stabbilita, u hija neċessarja għall-implimentazzjoni ta' proġett;

(b) "fjuwils alternattivi" tfisser fjuwils alternattivi kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/94/UE;

(c) "pajjiż assoċjat" tfisser pajjiż terz li huwa parti għal ftehim mal-Unjoni li jippermetti l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Programm skont l-Artikolu 5;

(d) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser azzjonijiet sostnuti mill-baġit tal-UE, inkluż dawk fi ħdan faċilitajiet ta' taħlit skont l-Artikolu [2(6)] tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/XXX (ir-"Regolament Finanzjarju"), li jikkombinaw forom ta' sostenn li mhumiex rimborsabbli u/jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-UE b'forom ta' sostenn rimborsabbli minn istituzzjonijiet finanzjarji tal-iżvilupp jew minn istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħra, kif ukoll minn istituzzjonijiet finanzjarji kummerċjali u minn investituri;

(e) "netwerk komprensiv" tfisser l-infrastruttura tat-trasport identifikata skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(f) "netwerk ewlieni" tfisser l-infrastruttura tat-trasport identifikata skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(g) "kurituri tan-netwerk ewlieni" tfisser strument li jiffaċilita l-implimentazzjoni koordinata tan-netwerk ewlieni kif inhu previst fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 u kif elenkat fil-Parti III tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(h) "proġett transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli" tfisser proġett magħżul jew eliġibbli biex jintgħażel skont ftehim ta' kooperazzjoni jew kwalunkwe tip ta' arranġament ieħor bejn Stati Membru u/jew bejn Stati Membri u pajjiżi terzi kif definit fl-Artikoli 6, 7, 9 jew 11 tad-Direttiva 2009/82/KE fl-ippjanar jew fl-implimentazzjoni ta' enerġija rinnovabbli, skont il-kriterji stabbiliti fil-Parti IV tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(i) "infrastruttura tal-konnettività diġitali" tfisser netwerks ta' kapaċità għolja ħafna, sistemi 5G, konnettività lokali bla fili ta' kwalità għolja ħafna, netwerks ċentrali, kif

ukoll pjattaformi diġitali operattivi direttament assoċjati mal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija;

(j) "sistemi 5G" tfisser sett ta' elementi ta' infrastruttura diġitali bbażati fuq standards miftiehma fuq livell globali għat-teknoloġija tal-komunikazzjoni mobbli u bla fili użat għal servizzi ta' konnettività u ta' valur miżjud b'karatteristiċi ta' prestazzjoni avvanzata bħal rati ta' data u kapaċità għoljin ħafna, latenza baxxa, affidabilità għolja, jew li jappoġġjaw għadd kbir ta' apparati konnessi;

(k) "kuritur 5G" tfisser mogħdija tat-trasport, triq jew linja ferrovjarja, koperta kollha b'infrastruttura ta' konnettività diġitali u b'mod partikolari b'sistemi 5G, li tippermetti l-forniment mingħajr interruzzjoni ta' servizzi diġitali ta' sinerġija bħal mobilità konnessa u awtomatizzata jew servizzi ta' mobilità intelliġenti simili għal-linji ferrovjarji;

(l) "pjattaformi diġitali operattivi assoċjati direttament ma' infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija" tfisser riżorsi ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ("ICT") fiżiċi u virtwali, li joperaw fuq l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, li jappoġġjaw il-fluss, il-ħżin, l-ipproċessar u l-analiżi ta' data tal-infrastruttura tat-trasport u/jew tal-enerġija;

(m) "proġett ta' interess komuni" tfisser proġett identifikat fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jew fir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jew fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament;

(n) "studji" tfisser attivitajiet meħtieġa għat-tħejjija ta' implimentazzjoni tal-proġett, bħal studji preparatorji, kartografiċi, tal-fattibbiltà, ta' evalwazzjoni, ta' ttestjar u ta' validazzjoni, inkluż fil-forma ta' software, u kwalunkwe miżura oħra ta' appoġġ tekniku, li tinkludi azzjoni bil-quddiem sabiex jiġi ddefinit u żviluppat proġett u sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-finanzjament tiegħu, bħal stħarriġ dwar is-siti kkonċernati u t-tħejjija tal-pakkett finanzjarju;

(o) "muturi soċjoekonomiċi" tfisser entitajiet li, minħabba l-missjoni jew il-post tagħhom, jistgħu jiġġeneraw b'mod dirett jew indirett benefiċċji soċjoekonomiċi importanti għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-komunitajiet lokali fit-territorju tal-madwar;

(p) "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea;

(q) "netwerks ta' kapaċità għolja ħafna" tfisser netwerks ta' kapaċità għolja ħafna kif definit fl-Artikolu [2(XX)] tad-Direttiva (UE) 2018/XXX [il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi];

(r) "xogħlijiet" tfisser ix-xiri, il-forniment u t-tħaddim ta' komponenti, sistemi u servizzi inkluż is-software, it-twettiq tal-iżvilupp u l-bini u l-attivitajiet ta' installazzjoni relatati ma' proġett, l-aċċettazzjoni tal-installazzjonijiet u l-varar ta' proġett.

Artikolu 3
Għanijiet

1. Il-Programm għandu l-għan ġenerali li jiżviluppa u jimmodernizza n-netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija u diġitali, u li jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jqis l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul, u b'enfasi fuq is-sinerġiji fost is-setturi.

2. Il-Programm għandu l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) Fis-settur tat-trasport:

(i) li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni marbutin ma' netwerks effiċjenti u interkonnessi u ma' infrastruttura għall-mobilità intelliġenti, sostenibbli, inklużiva, sikura u sigura;

(ii) li jadatta n-netwerks tat-TEN-T għall-ħtiġijiet tal-mobilità militari;

(b) Fis-settur tal-enerġija, li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni marbutin ma' integrazzjoni aktar profonda tas-suq intern tal-enerġija, l-interoperabbiltà transfruntiera u transsettorjali tan-netwerks, l-iffaċilitar tad-dekarbonizzazzjoni u l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista, u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli;

(c) Fis-settur diġitali, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' netwerks diġitali b'kapaċità għolja ħafna u ta' sistemi 5G, għaż-żieda fir-reżiljenza u fil-kapaċità tan-netwerks ċentrali diġitali fit-territorji tal-UE billi jgħaqqadhom ma' territorji fil-madwar, kif ukoll għad-diġitalizzazzjoni tan-netwerks tat-trasport u tal-enerġija.

Artikolu 4
Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-2027 hu stabbilit għal EUR 42,265,493,000 fi prezzijiet attwali.

2. Dan l-ammont għandu jitqassam kif ġej:

(a) sa EUR 30,615,493,000 għall-għanijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2)(a), li minnhom:

(i) EUR 12,830,000,000 mir-raggruppament tal-Investiment Strateġiku Ewropew;

(ii) EUR 11,285,493,000 trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jintefqu f'konformità ma' dan ir-Regolament esklużivament fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni;

(iii) EUR 6,500,000,000 mir-raggruppament tad-Difiża għall-għan speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a)(ii);

(b) sa EUR 8,650,000,000 għall-għanijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2)(b), b'massimu ta' 10 % minnhom għall-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli;

(c) sa EUR 3,000,000,000 għall-għanijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2)(c).

3. Il-Kummissjoni ma għandhiex titbiegħed mill-ammont imsemmija fis-subparagrafu 2(a)(ii).

4. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal għajnuna teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm u tal-linji gwida speċifiċi għas-settur, bħal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni inkluż sistemi tal-informazzjoni u tat-teknoloġija korporattivi. Dawn l-ammonti jistgħu jintużaw ukoll sabiex jiffinanzjaw miżuri ta' akkumpanjament għat-tħejjija ta' proġetti.

5. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jkunu ta' aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin fi ħlasijiet parzjali annwali.

6. Mingħajr ħsara għar-Regolament Finanzjarju, in-nefqa għall-azzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti inklużi fl-ewwel programm ta' ħidma tista' tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2021.

7. L-ammont trasferit mill-Fond ta' Koeżjoni għandu jkun implimentat skont dan ir-Regolament, soġġett għall-paragrafu 8 u mingħajr ħsara għall-Artikolu 14(2)(b).

8. Fir-rigward tal-ammonti ttrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni, 30 % minn dawn l-ammonti għandhom isiru disponibbli minnufih lill-Istati Membri kollha eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jiffinanzja proġetti ta' infrastruttura tat-trasport skont dan ir-Regolament, bi prijorità tingħata lill-konnessjonijiet transfruntiera u neqsin. Sal-31 ta' Diċembru 2023, l-għażla tal-proġetti eliġibbli għall-finanzjament għandha tirrispetta l-allokazzjonijiet nazzjonali skont il-Fond ta' Koeżjoni fir-rigward ta' 70 % mir-riżorsi ttrasferiti. B'effett mill-1 ta' Jannar 2024, ir-riżorsi ttrasferiti lill-Programm li ma jkunux ġew impenjati għal proġett ta' infrastruttura tat-trasport għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jiffinanzjaw proġetti ta' infrastruttura tat-trasport skont dan ir-Regolament.

9. Riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont [il-punt (a) tal-Artikolu 62(1)] tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont il-punt (c) ta' dak l-istess Artikolu. Fejn possibbli, dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 5
Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

1. Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-pajjiżi terzi li ġejjin:

(a) membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE;

(b) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew ftehimiet simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(c) pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew ftehimiet simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(d) pajjiżi terzi oħra, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, sakemm dak il-ftehim:

– jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;

– jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u l-

kostijiet amministrattivi tagħhom. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu [21(5)] tar-Regolament Finanzjarju;

– ma jagħtix lill-pajjiż terz is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar il-programm;

– jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

2. Il-pajjiżi terzi msemmija fil-paragrafu 1, u l-entitajiet stabbiliti f'dawk il-pajjiżi, ma jistgħux jirċievu għajnuna finanzjarja skont dan ir-Regolament għajr meta tkun indispensabbli għall-kisba tal-għanijiet ta' proġett speċifiku ta' interess komuni u skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 19.

Artikolu 6
Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-UE

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta skont ir-Regolament Finanzjarju, jew b'ġestjoni indiretta flimkien ma' korpi msemmija fl-Artikolu [61(1)(c)] tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji fi ħdan operazzjonijiet ta' taħlit. L-operazzjonijiet ta' taħlit skont dan il-Programm għandhom jiġu implimentati b'konformità mar-Regolament ta' InvestUE u t-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kummissjoni tista' tiddelega s-setgħa ta' implimentazzjoni ta' parti mill-Programm lil aġenziji eżekuttivi skont l-Artikolu [69] tar-Regolament Finanzjarju bil-għan tal-ġestjoni ottimali u r-rekwiżiti tal-effiċjenza tal-Programm fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali.

4. Kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju marbut mal-irkupru tal-fondi mingħand il-benefiċjarji, u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti [fl-Artikolu X] tar-Regolament XXX [is-suċċessur tar-Regolament dwar il-Fond ta' Garanzija].

Artikolu 7
Proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

1. Il-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli għandhom jinvolvu mill-anqas żewġ Stati Membri u għandhom ikunu inklużi fi ftehim ta' kooperazzjoni jew kwalunkwe tip ta' arranġament ieħor bejn Stati Membri u/jew bejn Stati Membri u pajjiżi terzi kif stipulat fl-Artikoli 6, 7, 9 jew 11 tad-Direttiva 2009/28/KE. Dawn il-proġetti għandhom ikunu identifikati skont il-kriterji u l-proċedura stipulati fil-Parti IV tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 23(d) ta' dan ir-Regolament sabiex tispeċifika aktar il-kriterji tal-għażla u tistabbilixxi d-dettalji tal-proċess tal-għażla tal-proġetti, u għandha tippubblika l-metodoloġiji għall-ivvalutar tal-kontribuzzjoni tal-proġetti għall-kriterji ġenerali u għall-ivvalutar tal-kostijiet globali speċifikati fil-Parti IV tal-Anness.

3. Studji li jimmiraw l-iżvilupp u l-identifikazzjoni ta' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament taħt dan ir-Regolament.

4. Proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni għal xogħlijiet jekk jissodisfaw il-kriterji addizzjonali li ġejjin:

(a) l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji speċifika għall-proġett skont il-punt 3 tal-Parti IV tal-Anness tipprovdi evidenza dwar l-eżistenza ta' tfaddil sinifikanti fil-kostijiet u/jew benefiċċji f'termini tal-integrazzjoni tas-sistema, is-sigurtà tal-provvista jew l-innovazzjoni; u

(b) l-applikant jiddemostra li l-proġett kieku ma jsirx realtà fin-nuqqas tal-għotja, jew li l-proġett ma jistax ikun kummerċjalment vjabbli fin-nuqqas tal-għotja. Din l-analiżi għandha tqis kwalunkwe dħul li jirriżulta minn skemi ta' sostenn.

5. L-ammont tal-għotja għal xogħlijiet għandu jkun proporzjonali għat-tfaddil fil-kostijiet u/jew għall-benefiċċji msemmija fil-punt 2(b) tal-Parti IV tal-Anness, u ma għandux jaqbeż l-ammont meħtieġ biex jiġi żgurat li l-proġett isir realtà jew isir kummerċjalment vjabbli.

Artikolu 8

Proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali

1. Proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura ta' konnettività diġitali għandhom jikkontribwixxu għall-għan speċifiku previst fl-Artikolu 3(2)(c).

2. Studji li jimmiraw l-iżvilupp u l-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament skont dan ir-Regolament.

3. Mingħajr ħsara għall-kriterji tal-għoti stipulati fl-Artikolu 13, il-prijorità għall-finanzjament għandha tiġi ddeterminata filwaqt li jitqiesu l-kriterji li ġejjin:

(a) azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-aċċess għal netwerks ta' kapaċità għolja ħafna, li jkunu kapaċi jipprovdu konnettività f'Gigabits għal muturi soċjoekonomiċi, għandhom jingħataw prijorità filwaqt li jitqiesu l-funzjoni tal-muturi soċjoekonomiċi, ir-rilevanza tas-servizzi u l-applikazzjonijiet diġitali abilitati bil-provvediment tal-konnettività sottostanti, u l-benefiċċji soċjoekonomiċi potenzjali għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-komunitajiet lokali, inkluż l-effetti sekondarji pożittivi potenzjali f'termini ta' konnettività, skont il-Parti V tal-Anness;

(b) azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-forniment ta' konnettività bla fili ta' kwalità għolja ħafna f'komunitajiet lokali, skont il-Parti V tal-Anness;

(c) rigward azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' sistemi 5G, għandha tingħata prijorità lill-implimentazzjoni ta' kurituri 5G tul mogħdijiet ewlenin ta' trasport fuq l-art, inkuż in-netwerks tat-trasport trans-Ewropej. Il-punt sa fejn l-azzjoni tikkontribwixxi biex tiżgura l-kopertura tul mogħdijiet ta' trasport ewlenin li jippermettu l-forniment mingħajr interruzzjoni ta' servizzi diġitali ta' sinerġija, filwaqt li għandu jiġi kkunsidrat ukoll l-immassimizzar tal-effetti sekondarji pożittivi potenzjali għat-territorji u għall-popolazzjoni fil-viċinanza taż-żona ta' implimentazzjoni tal-proġett. Lista indikattiva ta' proġetti li jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ hija inkluża fil-Parti V tal-Anness;

(d) proġetti li jimmiraw l-implimentazzjoni ta' netwerks ċentrali transfruntiera li jgħaqqdu l-Unjoni ma' pajjiżi terzi u li jsaħħu l-konnessjonijiet fit-territorju tal-Unjoni, inkluż b'kejbils sottomarini, għandhom jingħataw prijorità skont sa liema punt huma jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jiżdiedu r-reżiljenza u l-kapaċità tan-netwerks ta' komunikazzjoni elettronika fit-territorju tal-Unjoni;

(e) rigward il-kopertura permezz ta' netwerks ta' kapaċità għolja ħafna, għandha tingħata prijorità lil azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kopertura ta' territorji u tal-popolazzjoni, fi proporzjon invers għall-intensità tal-għotja li tkun meħtieġa biex ikun jista' jiġi implimentat il-proġett, b'mod relattiv għar-rati massimi ta' kofinanzjament applikabbli stipulati fl-Artikolu 14. Il-punt sa fejn l-azzjoni tikkontribwixxi biex tiżgura kopertura komprensiva tat-territorju u tal-popolazzjoni f'ċerta żona ta' implimentazzjoni tal-proġett, filwaqt li għandu jiġi kkunsidrat ukoll l-immassimizzar tal-effetti sekondarji pożittivi potenzjali għat-territorji u l-popolazzjoni fil-viċinanza taż-żona ta' implimentazzjoni tal-proġett.

(f) rigward proġetti li jimplimentaw pjattaformi diġitali, għandha tingħata prijorità lil azzjonijiet ibbażati fuq teknoloġiji l-iktar avvanzati, filwaqt li jitqiesu aspetti bħall-interoperabbiltà, iċ-ċibersigurtà, il-privatezza u l-użu mill-ġdid tad-data.

(g) il-punt sa fejn it-teknoloġija implimentata tkun l-iktar xierqa għall-proġett speċifiku, filwaqt li jiġi propost l-aħjar bilanċ bejn teknoloġiji tal-ogħla livell f'termini ta' kapaċità ta' fluss ta' data, sigurtà ta' trasmissjoni, reżiljenza tan-netwerk u kosteffiċjenza.

KAPITOLU II

ELIĠIBBILTÀ

Artikolu 9
Azzjonijiet eliġibbli

1. Huma eliġibbli għall-finanzjament biss azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3. Tali azzjonijiet jinkludu b'mod partikolari studji, xogħlijiet u miżuri oħrajn ta' akkumpanjament meħtieġa għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm u l-linji gwida speċifiċi għas-settur.

2. Fis-settur tat-trasport, dawn l-azzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament:

(a) Azzjonijiet marbutin ma' netwerks effiċjenti u interkonnessi:

(i) azzjonijiet li jimplimentaw in-netwerk ewlieni skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, inkluż azzjonijiet relatati ma' nodi urbani, portijiet marittimi, portijiet interni u terminals ferrovjarji tan-netwerk ewlieni kif definit fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013. Azzjonijiet li jimplimentaw in-netwerk ewlieni jistgħu jinkludu elementi relatati li jinsabu fin-netwerk komprensiv meta jkun meħtieġ sabiex jiġi ottimizzat l-investiment u skont modalitajiet speċifikati fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament;

(ii) azzjonijiet li jimplimentaw konnessjonijiet transfruntiera tan-netwerk komprensiv skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, b'mod partikolari s-sezzjonijiet elenkati fil-Parti III tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(iii) azzjonijiet li jimplimentaw sezzjonijiet tan-netwerk komprensiv li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, inkluż azzjonijiet relatati man-nodi urbani, il-portijiet marittimi, il-portijiet interni u t-terminals ferrovjarji tan-netwerk komprensiv kif definit fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(iv) azzjonijiet li jappoġġjaw proġetti ta' interess komuni sabiex jgħaqqdu lin-netwerk trans-Ewropew ma' netwerks ta' infrastruttura ta' pajjiżi ġirien kif definit fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(b) Azzjonijiet marbutin ma' mobilità intelliġenti, sostenibbli, inklużiva, sikura u sigura:

(i) azzjonijiet li jappoġġjaw l-awtostradi tal-baħar kif previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(ii) azzjonijiet li jappoġġjaw sistemi ta' applikazzjonijiet telematiċi, inkluż għal skopijiet ta' sikurezza, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(iii) azzjonijiet li jappoġġjaw servizzi tat-trasport tal-merkanzija skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 1315/2013;

(iv) azzjonijiet li jappoġġjaw teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, inkluż l-awtomazzjoni, servizzi ta' trasport mtejba, integrazzjoni modali u infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;

(v) azzjonijiet li jneħħu l-ostakli għall-interoperabbiltà, b'mod partikolari meta jipprovdu effetti ta' kurituri/netwerk;

(vi) azzjonijiet li jimplimentaw infrastruttura sikura u sigura ta' mobilità, inkluż is-sikurezza fit-toroq, skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 1315/2013;

(vii) azzjonijiet li jtejbu r-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport għat-tibdil fil-klima u għad-diżastri naturali;

(viii) azzjonijiet li jtejbu l-aċċessibbiltà għall-infrastruttura tat-trasport għall-utenti kollha skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 1315/2013;

(ix) azzjonijiet li jtejbu l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà tal-infrastruttura tat-trasport għal finijiet ta' sigurtà u ta' protezzjoni ċivili.

(c) Taħt l-għan speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a)(ii): azzjonijiet, jew attivitajiet speċifiċi f'azzjoni, li jappoġġjaw l-infrastruttura tat-trasport fuq in-Netwerk TEN-T sabiex tiġi adattata għar-rekwiżiti tal-mobilità militari bil-għan li jkun possibbli l-użu doppju ċivili-militari tal-infrastruttura.

3. Fis-settur tal-enerġija, l-azzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament:

(a) azzjonijiet relatati ma' proġetti ta' interess komuni kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013;

(b) azzjonijiet li jappoġġjaw proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, inkluż it-tfassil tagħhom, kif definit fil-Parti IV tal-Anness għal dan ir-Regolament, soġġett għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

4. Fis-settur diġitali, l-azzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament:

(a) azzjonijiet li jappoġġjaw il-konnettività Gigabit ta' muturi soċjoekonomiċi;

(b) azzjonijiet li jappoġġjaw il-forniment f'komunitajiet lokali ta' konnettività lokali bla fili ta' kwalità għolja ħafna li tkun bla ħlas u mingħajr kundizzjonijiet diskriminatorji;

(c) azzjonijiet li jimplimentaw kopertura mingħajr interruzzjoni b'sistemi 5G tal-mogħdijiet ewlenin kollha tat-trasport fuq l-art, inkluż in-netwerks tat-trasport trans-Ewropew;

(d) azzjonijiet li jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' netwerks ċentrali inkluż b'kejbils sottomarini, fost l-Istati Membri u bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;

(e) azzjonijiet li jappoġġjaw l-aċċess tal-unitajiet domestiċi Ewropej għal netwerks ta' kapaċità għolja ħafna;

(f) azzjonijiet li jimplimentaw rekwiżiti ta' infrastruttura ta' konnettività diġitali relatati ma' proġetti transfruntiera fl-oqsma tat-trasport jew tal-enerġija u/jew li jappoġġjaw pjattaformi diġitali operattivi assoċjati direttament ma' infrastrutturi tat-trasport jew tal-enerġija.

Lista indikattiva ta' proġetti eliġibbli fis-settur diġitali hija pprovduta fil-Parti V tal-Anness.

Artikolu 10
Sinerġiji

1. Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba ta' għan jew għanijiet ta' mill-inqas żewġ setturi, kif ipprovdut fl-Artikolu 3(2)(a), (b) u (c), għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament. Tali azzjonijiet għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi ta' ħidma transettorjali speċifiċi li jindirizzaw mill-inqas żewġ setturi, u li jinkludu kriterji tal-għoti speċifiċi u ffinanzjati b'kontribuzzjonijiet tal-baġit mis-setturi involuti.

2. F'kull wieħed mis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali, l-azzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 9 jistgħu jinkludu elementi anċillari, li jistgħu ma jkunux relatati ma' azzjonijiet eliġibbli kif ipprovdut fl-Artikolu 9(2), (3) jew (4) rispettivament, dment li jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-kost ta' dawn l-elementi anċillari ma jaqbiżx l-20 % tal-kostijiet totali eliġibbli tal-azzjoni; u

(b) dawn l-elementi anċillari huma relatati mas-setturi tat-trasport, tal-enerġija jew dak diġitali; u

(c) dawn l-elementi anċillari jippermettu titjib sinifikanti fil-benefiċċji soċjoekonomiċi, klimatiċi jew ambjentali tal-azzjoni.

Artikolu 11
Entitajiet eliġibbli

1. Il-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw flimkien mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu [197] tar-Regolament Finanzjarju.

2. Huma eliġibbli l-entitajiet li ġejjin:

   (a) entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru;

   (b) entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm;

   (c) entitajiet ġuridiċi maħluqin skont il-liġi tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali fejn ikun previst il-programmi ta' ħidma.

3. Il-persuni fiżiċi mhumiex eliġibbli.

4. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhuwiex assoċjat ma' Programm huma eċċezzjonalment eliġibbli li jirċievu appoġġ skont il-Programm fejn ikun indispensabbli għall-kisba tal-għanijiet ta' proġett speċifiku ta' interess komuni jew ta' proġett transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinovabbli.

5. Il-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 19 jistgħu jipprevedu li jkunu eliġibbli biss proposti mressqin minn Stat Membru jew diversi Stati Membri jew, bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, impriżi konġunti, jew impriżi jew korpi pubbliċi jew privati.

KAPITOLU III

GĦOTJIET

Artikolu 12
Għotjiet

Għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġġestiti skont it-Titolu [VIII] tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 13
Kriterji tal-għoti

1. Il-kriterji tal-għoti għandhom ikunu definiti fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 19 u fis-sejħiet għall-proposti filwaqt li jitqiesu, sal-limitu applikabbli, l-elementi li ġejjin:

   (a) l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali (il-benefiċċji u l-kostijiet);

   (b) aspetti ta' innovazzjoni, sikurezza, interoperabbiltà u aċċessibbiltà;

   (c) id-dimensjoni transfruntiera;

   (d) sinerġiji fost is-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali;

   (e) il-maturità tal-azzjoni fl-iżvilupp tal-proġett;

   (f) kemm huwa sod il-pjan ta' implimentazzjoni propost;

   (g) l-effett katalizzatur tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni fuq l-investiment;

   (h) il-ħtieġa li jingħeleb xkiel finanzjarju bħal nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali jew nuqqas ta' finanzi fis-suq;

(i) il-konsistenza mal-pjanijiet dwar l-enerġija u l-klima tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

2. Il-valutazzjoni tal-proposti skont il-kriterji tal-għoti għandha tqis, fejn rilevanti, ir-reżiljenza għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima permezz ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u tar-riskji klimatiċi, inkluż il-miżuri ta' adattament rilevanti.

3. Il-valutazzjoni tal-proposti skont il-kriterji tal-għoti għandha tiżgura, fejn rilevanti, kif speċifikat fil-programmi ta' ħidma, li l-azzjonijiet appoġġati mill-Programm li jinkludu t-teknoloġija tal-Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT) ikunu kompatibbli ma' EGNOS/Galileo u ma' Copernicus.

4. Fis-settur tat-trasport, il-valutazzjoni tal-proposti skont il-kriterji tal-għoti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiżgura, fejn applikabbli, li l-azzjonijiet proposti huma konsistenti mal-pjanijiet ta' ħidma tal-kurituri u l-atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, u jqisu l-opinjoni tal-Koordinatur Ewropew responsabbli skont l-Artikolu 45(8) tal-istess Regolament.

5. Rigward l-azzjonijiet relatati ma' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-kriterji tal-għoti ddefiniti fil-programmi ta' ħidma u s-sejħiet għall-proposti għandhom iqisu l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7(4).

6. Rigward l-azzjonijiet relatati ma' proġetti tal-konnettività diġitali ta' interess komuni, il-kriterji tal-għoti ddefiniti fil-programmi ta' ħidma u s-sejħiet għall-proposti għandhom iqisu l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(3).

Artikolu 14
Rati ta' kofinanzjament

1. Fil-każ tal-istudji, l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-kost totali eliġibbli. Għall-istudji ffinanzjati bl-ammonti ttrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni, ir-rati massimi ta' kofinanzjament għandhom ikunu dawk applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni kif speċifikat fil-paragrafu 2(b).

2. Fil-każ ta' xogħlijiet fis-settur tat-trasport, għandhom japplikaw dawn ir-rati massimi ta' kofinanzjament li ġejjin:

(a) għal xogħlijiet relatati mal-għanijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2)(a), l-ammont ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż it-30 % tal-kost totali eliġibbli. Ir-rati ta' kofinanzjament jistgħu jiżdiedu sa massimu ta' 50 % għal azzjonijiet relatati ma' konnessjonijiet transfruntiera skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu, għal azzjonijiet li jappoġġjaw sistemi ta' applikazzjonijiet telematiċi, għal azzjonijiet li jappoġġjaw teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni, u għal azzjonijiet li jappoġġjaw it-titjib tas-sikurezza tal-infrastruttura f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti, u għal azzjonijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi;

(b) rigward l-ammonti ttrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni, ir-rati massimi ta' konfinanzjament għandhom ikunu dawk applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni, kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX [CPR]. Dawn ir-rati ta' kofinanzjament jistgħu jiżdiedu sa massimu ta' 85 % għal azzjonijiet relatati ma' konnessjonijiet transfruntiera skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;

(c) rigward azzjonijiet relatati ma' konnessjonijiet transfruntiera, ir-rati massimi ta' kofinanzjament miżjuda kif ipprovdut fil-punti (a) u (b) jistgħu japplikaw

biss għal azzjonijiet li juru grad partikolarment għoli ta' integrazzjoni fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-azzjoni għall-iskop tal-kriterju tal-għoti msemmi fl-Artikolu 13(1)(c), speċifikament permezz tal-istabbiliment ta' kumpanija ta' proġett wieħed, struttura ta' governanza konġunta u qafas ġuridiku bilaterali jew att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

3. Fil-każ ta' xogħlijiet fis-settur tal-enerġija, għandhom japplikaw dawn ir-rati massimi ta' kofinanzjament li ġejjin:

(a) għal xogħlijiet relatati mal-għanijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2)(b), l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-kost totali eliġibbli;

(b) Ir-rati ta' finanzjament jistgħu jiżdiedu sa massimu ta' 75 % għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni li, abbażi tal-evidenza msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, joffru livell għoli ta' sigurtà tal-provvista fuq livell reġjonali jew tal-Unjoni, isaħħu s-solidarjetà tal-Unjoni jew jinkludu soluzzjonijiet ferm innovattivi.

4. Fil-każ ta' xogħlijiet fis-settur diġitali, għandhom japplikaw dawn ir-rati massimi ta' kofinanzjament li ġejjin: għal xogħlijiet relatati mal-għanijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2)(c), l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-UE ma għandux jaqbeż it-30 % tal-kost totali eliġibbli. Ir-rati ta' kofinanzjament jistgħu jiżdiedu sa massimu ta' 50 % għal azzjonijiet b'dimensjoni transfruntiera qawwija, bħall-kopertura mingħajr interruzzjoni b'sistemi 5G tul mogħdijiet ta' trasport ewlenin jew l-implimentazzjoni ta' netwerks ċentrali fost l-Istati Membri u bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, u sa 75 % għall-azzjonijiet li jimplimentaw il-konnettività f'Gigabit tal-muturi soċjoekonomiċi. L-azzjonijiet fil-qasam tal-forniment tal-konnettività lokali bla fili fil-komunitajiet lokali għandhom jiġu ffinanzjati b'għajnuna finanzjarja tal-Unjoni li tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, mingħajr ħsara għall-prinċipju tal-kofinanzjament.

5. Ir-rata massima ta' kofinanzjament applikabbli għall-azzjonijiet magħżula taħt il-programmi ta' ħidma transettorjali msemmija fl-Artikolu 10 għandha tkun l-ogħla rata massima ta' kofinanzjament applikabbli għas-setturi kkonċernati.

Artikolu 15
Kostijiet eliġibbli

Il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-kostijiet li ġejjin għandhom japplikaw, flimkien mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu [186] tar-Regolament Finanzjarju:

(a) tista' tkun eliġibbli biss in-nefqa mġarrba fl-Istati Membri, għajr fejn il-proġett ta' interess komuni jew il-proġett transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli jkun jinvolvi t-territorju ta' pajjiż terz wieħed jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 5 jew fl-Artikolu 11(4) ta' dan ir-Regolament jew ibħra internazzjonali, u fejn l-azzjoni tkun indispensabbli sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-proġett ikkonċernat;

(b) il-kost għal tagħmir, faċilitajiet u infrastruttura li l-benefiċjarju jgħodd bħala nefqa kapitali tista' tkun kollha kemm hi eliġibbli;

(c) in-nefqa marbuta max-xiri ta' art ma għandhiex titqies bħala kost eliġibbli;

(d) l-infiq eliġibbli ma għandux jinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT").

Artikolu 16
Taħlit tal-għotjiet ma' sorsi oħra ta' finanzjament

1. L-għotjiet jistgħu jintużaw għat-taħlit ma' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew minn Banek Promozzjonali Nazzjonali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u ta' żvilupp oħrajn, kif ukoll minn istituzzjonijiet ta' finanzjament tas-settur privat u minn investituri tas-settur privat, inkluż permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati.

2. L-użu ta' għotjiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jkun implimentat permezz ta' sejħiet għal proposti ddedikati.

Artikolu 17
Tnaqqis jew terminazzjoni tal-għotjiet

1. Minbarra r-raġunijiet speċifikati fil-[paragrafu 4 tal-Artikolu 131] tar-Regolament Finanzjarju, l-ammont tal-għotja jista' jitnaqqas minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

   (a) l-azzjoni ma tkunx inbdiet fi żmien sena wara d-data tal-bidu indikata fil-ftehim ta' għotja;

   (b) wara rieżami tal-progress tal-azzjoni, jiġi stabbilit li l-implimentazzjoni tal-azzjoni tant ġiet ittardjata li l-għanijiet tal-azzjoni x'aktarx li ma jintlaħqux;

2. Il-ftehim ta' għotja jista' jiġi terminat abbażi tar-raġunijiet speċifikati fil-paragrafu 1.

Artikolu 18
Finanzjament kumulattiv, kumplimentari u kkombinat

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni skont il-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni, inkluż minn Fondi b'ġestjoni kondiviża, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. Ir-regoli ta' kull programm kontribwenti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet totali eliġibbli tal-azzjoni, u l-appoġġ mill-programmi varji tal-Unjoni jista' jiġi kkalkolat fuq bażi prorata skont id-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

2. L-azzjonijiet li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin kumulattivi u komparattivi:

   (a) ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti fil-qafas tal-Programm;

   (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità ta' dik is-sejħa għal proposti;

   (c) ma jistgħux jiġu ffinanzjati fil-qafas ta' dik is-sejħa għal proposti minħabba limitazzjonijiet baġitarji;

jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) jew mill-Fond ta' Koeżjoni skont [il-paragrafu 5 tal-Artikolu 67] tar-Regolament XXX [CPR], dment li tali azzjonijiet ikunu konsisteni mal-għanijiet tal-programm ikkonċernat. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Fond li jipprovdi l-appoġġ.

KAPITOLU IV

IPPROGRAMMAR, MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U KONTROLL

Artikolu 19
Programm ta' ħidma

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.

2. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 20
Monitoraġġ u rapportar

1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fil-Parti I tal-Anness.

2. Sabiex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 24, biex temenda l-Parti I tal-Anness bil-għan li tirrevedi jew tikkomplementi l-indikaturi fejn jitqies meħtieġ, u biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonat fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-UE u, fejn rilevanti, l-Istati Membri.

Artikolu 21
Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Artikolu 22
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Koordinazzjoni tal-FNE. Il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 23
Atti delegati

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament:

(a) biex temenda l-Parti I tal-Anness rigward l-indikaturi u biex tistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(b) biex temenda l-Parti II tal-Anness rigward il-perċentwali indikattivi ta' riżorsi baġitarji allokali għal kull għan speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(a)(i);

(c) biex temenda l-Parti III tal-Anness rigward id-definizzjoni tal-kurituri tan-netwerk ewlieni għas-settur tat-trasport u s-sezzjonijiet identifikati minn qabel; kif ukoll is-sezzjonijiet identifikati minn qabel fuq in-netwerk komprensiv;

(d) biex temenda l-Parti IV tal-Anness rigward l-identifikazzjoni ta' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli;

(e) biex temenda l-Parti V tal-Anness rigward l-identifikazzjoni ta' proġetti ta' konnettività diġitali ta' interess komuni.

Artikolu 24
Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 23 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 23 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandu jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 25
Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u mal-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 26
Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Fejn pajjiż terz jieħu sehem fil-programm permezz ta' deċiżjoni fil-qafas ta' ftehim internazzjonali jew bi kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess meħtieġ lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw bis-sħiħ il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Fil-każ tal-OLAF, tali drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki fuq il-post u spezzjonijiet, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 27
Tħassir u dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Ir-Regolamenti (UE) 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 għandhom jitħassru.

2. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1, dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013, li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.

3. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-għajnuna teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati taħt il-predeċessur tiegħu, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa taħt ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

4. Jekk meħtieġ, l-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 4(5) ta' dan ir-Regolament, sabiex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux ikkompletati sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 28
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5. Durata u impatt finanzjarju

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014.

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)

Investimenti Strateġiċi Ewropej

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[42]

☑ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew dirottar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida**

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), stabbilita fl-2014, tappoġġa l-investiment fin-netwerk trans-Ewropew (TEN) fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u diġitali. Hija programm ewlieni li jappoġġa prijoritajiet rilevanti tal-UE, b'mod partikulari l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, l-Unjoni tal-Enerġija, is-Suq Uniku Diġitali, azzjoni klimatika, Ewropa soċjali, is-Suq Uniku u l-kummerċ. Il-FNE tissejjes fuq il-linji gwida settorjali rispettivi.

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza pożittiva bl-implimentazzjoni tal-FNE matul il-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni qiegħda tressaq proposta għas-suċċessur tal-FNE fil-kuntest tal-proċess politiku komprensiv għat-tħejjija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-perjodu 2021-2027. Il-kamp ta' applikazzjoni u d-disinn tal-programm il-ġdid iqisu l-evoluzzjoni tal-prijoritajiet ta' politika u l-gwida ġenerali għas-simplifikazzjoni prevista mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni.

Filwaqt li l-prijoritajiet ewlenin tal-programm jibqgħu ffukati fuq in-netwerks trans-Ewropej, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FNE mill-2020 'il quddiem jitwessa' fis-settur tal-enerġija biex ikopri l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli (RES), u huwa ddefinit mill-ġdid fis-settur diġitali, b'mod kumplimentari mal-Programm Ewropa Diġitali l-ġdid (DEP). B'mod aktar speċifiku:

Fis-settur tat-trasport, il-FNE tikkontribwixxi għat-tlestija taż-żewġ safef tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport: in-netwerk ewlieni tat-TEN-T sal-2030, u n-netwerk komprensiv tat-TEN-T sal-2050. Il-FNE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' sistemi għall-ġestjoni tat-traffiku għall-modi kollha tat-traffiku, u tgħin fit-

[42] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

tranżizzjoni tal-UE lejn mobilità nadifa u konnessa. Fejn meħtieġ, tappoġġa wkoll l-adattament tan-netwerk tat-TEN-T għar-rekwiżiti tal-mobilità militari.

Fis-settur tal-enerġija, il-FNE tikkontribwixxi għat-tlestija tan-netwerks tat-TEN-T permezz tal-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà transfruntiera u transsettorjali tan-netwerks. Barra minn hekk, il-FNE qiegħda tippromwovi wkoll il-kooperazzjoni tal-Istati Membri fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' RES transfruntiera b'kontribuzzjoni lejn il-kisba ta' mira kosteffettiva sal-2030.

Fis-settur diġitali, il-FNE tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ta' konnettività diġitali stipulati fl-Istrateġija tas-Soċjetà tal-Gigabits, għar-reżiljenza u l-kapaċità tan-netwerks diġitali tal-UE billi tindirizza l-konnettività internazzjonali, kif ukoll għad-diġitalizzazzjoni tan-netwerks tal-enerġija u tal-mobilità sabiex tippermetti s-servizzi transfruntiera f'dawn iż-żewġ oqsma.

Fir-rigward tal-mod ta' twassil għall-implimentazzjoni tal-programm, qiegħed jiġi propost li jkompli t-twassil immirat effiċjenti taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. Id-delega mġedda possibbli lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA)[43] se tkun soġġetta għall-eżitu tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji u għad-deċiżjonijiet relatati li għandhom jittieħdu. Kull adattament meħtieġ ikun isir biex inlaħħqu mal-istruttura l-ġdida, bil-għan li jiġu żgurati l-effiċjenza, iktar flessibbiltà, koerenza u sinerġiji, is-simplifikazzjoni u l-enfasi fuq il-prestazzjoni.

Il-mira hija li l-programm isir operattiv mill-bidu nett tiegħu fl-2021. It-tnedija f'waqtha tal-FNE u l-allokazzjoni bikrija tal-fondi tal-UE lill-benefiċjarji jeħtieġu tħejjija intensiva matul il-fażi ta' varar. Il-koordinazzjoni effiċjenti fost is-servizzi direttament involuti hija prerekwiżiti għall-elaborazzjoni ta' riżerva ta' proġetti soda, kif ukoll għall-ippjanar f'waqtu tal-programmi ta' ħidma u s-sejħiet għas-setturi kollha tal-FNE (inkluż l-ispeċifiċitajiet tal-pakkett ta' koeżjoni, is-sejħiet għal sinerġiji, it-taħlit jew il-kombinazzjoni ta' għotjiet ma' strumenti finanzjarji mhux tal-UE, u l-bqija).

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex-ante*)

L-Artikolu 171 tat-TFUE jagħti lill-Unjoni s-setgħa li tiddefinixxi proġetti ta' interess komuni fl-infrastruttura tat-TENs, filwaqt li jħalli f'idejn l-Istati Membri jagħżlu l-metodi ta' implimentazzjoni. L-istess Artikolu jagħti lill-Unjoni s-setgħa li tappoġġa tali proġetti ta' interess komuni.

Matul il-perjodu 2014-2020, il-programm tal-FNE appoġġa investimenti f'infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u diġitali, bi qbil mal-artikoli tat-Trattat imsemmija hawn fuq. Madankollu, il-ħtiġijiet ta' investiment fit-TENs imorru lil hinn mill-2020, u barra minn hekk, l-iskala tal-problemi tisboq ir-riżorsi disponibbli fil-livell tal-Istati Membri. Ċertament, il-proġetti tat-TEN minnhom infushom

43 Ara t-taqsima 1.6.

għandhom dimensjoni tal-UE, u jistgħu jissolvew b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-Unjoni, u b'hekk jinkisbu benefiċċji akbar b'mod ġenerali, implimentazzjoni aktar mgħaġġla u tnaqqis fil-kostijiet jekk l-Istati Membri jaġixxu flimkien. Għaldaqstant, l-azzjoni fil-livell tal-UE f'dan il-qasam hija ġustifikata.

Programm estiż tal-FNE fil-perjodu ta' wara l-2020 se jipprevedi l-qafas meħtieġ għall-appoġġ kontinwu mill-UE fl-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u diġitali ta' natura trans-Ewropea. Għal kull settur, l-appoġġ finanzjarju tal-UE huwa meħtieġ għar-raġunijiet li ġejjin:

Trasport: il-ħtiġijiet sostanzjali ta' investiment ma jistgħux jiġu koperti mill-Istati Membri waħedhom. Il-baġits pubbliċi għadhom taħt konsolidament fiskali konsiderevoli, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-FNE għat-TEN-T fil-perjodu 2014-2016 turi li l-appoġġ finanzjarju mill-Istati Membri u mis-settur privat għadu kruċjali iżda insuffiċjenti għal proġetti b'dimensjoni Ewropea.

Enerġija: filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-proġetti ta' interess komuni jistgħu jiġu ffinanzjati, fil-prinċipju, mis-suq, l-appoġġ tal-UE huwa indispensabbli għal għadd ta' proġetti minħabba l-esternalitajiet tagħhom (inkluż l-innovazzjoni) u l-volum ta' investiment jisboq il-kapaċità tas-sistema għas-soċjalizzazzjoni tal-kost.

Enerġija rinnovabbli: bħalissa l-appoġġ tal-UE għall-enerġija rinnovabbli ma jimmirax li jiffaċilita l-iżvilupp konġunt. Koordinazzjoni mal-UE kollha għall-implimentazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, flimkien ma' appoġġ immirat mill-UE, tista' tiffaċilita l-integrazzjoni tas-setturi, u tkompli tqanqal aktar investiment f'dan il-qasam. L-appoġġ potenzjali f'dan il-qasam kieku jikkumpensa biss il-kost biex jingħelbu l-ostakli marbutin mal-kooperazzjoni transfruntiera fost l-Istati Membri u/jew l-ostakli li jipprevjenu l-integrazzjoni tas-settur. Huwa mistenni li fil-ġejjieni dawn il-proġetti kulma jmur isiru dejjem iktar iffinanzjati mis-suq.

Settur diġitali: L-ekonomija u s-soċjetà tal-UE jiddependu ferm fuq l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tad-data li tkun kapaċi tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji, servizzi u applikazzjonijiet ġodda. Il-finanzjament insuffiċjenti, kif ukoll il-konnessjonijiet neqsin fil-programmi attwali, iwasslu għal lakuni persistenti fl-infrastruttura tal-konnettività tal-broadband, u b'hekk jinħoloq xkiel għall-kisba tal-potenzjal sħiħ tal-ekonomija diġitali tal-UE. L-azzjoni tal-UE hija meħtieġa biex tiżgura l-konnettività bla xkiel mal-UE kollha, u dan min-naħa tiegħu se jwassal għal benefiċċji massivi fis-setturi ekonomiċi varji, kif ukoll għal aktar koeżjoni mal-kontinent kollu.

Valur miżjud iġġenerat tal-Unjoni mistenni (*ex post*)

Il-FNE tagħti valur miżjud tal-UE permezz tal-iżvilupp tal-konnettività fit-trasport, fl-enerġija u fit-telekomunikazzjonijiet, billi tiffoka fuq beni pubbliċi b'dimensjoni Ewropea, kif ukoll fuq proġetti li mingħajr l-appoġġ tal-UE ma jkunux jistgħu jsiru realtà. B'mod aktar speċifiku, il-valur miżjud tal-UE tal-FNE jinsab fil-kapaċità tagħha biex:

~ tmexxi l-finanzi pubbliċi u privati lejn l-għanijiet ta' politika tal-UE;

~ tippermetti investimenti ewlenin fejn il-kostijet jiġġarrbu f'livell nazzjonali/lokali, filwaqt li l-benefiċċji jkunu tanġibbli fuq skala Ewropea;

~ tħaffef it-tranżizzjoni lejn soċjetà diġitali u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju.

L-appoġġ mill-UE mill-programm tal-FNE jiffoka fuq azzjonijiet li fihom l-ogħla valur miżjud tal-UE. B'mod aktar speċifiku:

Fit-trasport, ikopri sezzjonijiet transfruntiera u punti ta' konġestjoni fin-netwerk ewlieni, l-implimentazzjoni fuq skala kbira tas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku, u prijoritajiet ewlenin ġodda bħall-fjuwils alternattivi, id-diġitalizzazzjoni, is-sikurezza u l-mobilità militari.

Fl-enerġija, tkopri proġetti ta' infrastruttura b'rilevanza transfruntiera fit-trażmissjoni u l-ħżin tal-elettriku, fil-gass, fit-trasportazzjoni tas-CO_2 u fil-grilji intelliġenti fl-interfaċċa bejn in-netwerks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, kif ukoll fiż-żieda tal-intelliġenza tan-netwerks ta' trażmissjoni. Tkopri wkoll l-implimentazzjoni u l-ippjanar transfruntiera mmirata tal-enerġija rinnovabbli, li jinvolvu tal-anqas żewġ Stati Membri.

Fis-settur diġitali, tkopri l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' konnettività diġitali li mistennija jkollhom impatt qawwi fuq is-Suq Uniku Diġitali, fost l-oħrajn permezz tal-allinjament tagħhom mal-għanijiet tal-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għal Soċjetà tal-Gigabits, permezz ta' impatti transfruntiera qawwija, u permezz ta' sinerġiji fost is-setturi u mas-servizzi diġitali abilitati. Barra minn hekk, il-proġetti jiġu prijoritizzati skont il-vantaġġi tar-rilaxx tagħhom fuq skala tal-UE, filwaqt li jitqies li, minn naħa, ċerti proġetti b'xejn ma jsiru realtà jekk kollox jitħalla f'idejn l-Istati Membri, filwaqt li għal proġetti oħrajn, sensiela ta' interventi granulari u mhux koordinati kieku ma tiksibx l-istess impatt fuq is-Suq Uniku Diġitali.

1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Is-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FNE fil-perjodu 2014-2020, u l-konsultazzjoni pubblika dwar il-programm futur tal-FNE, juri la ma hemmx lok biex il-programm ikompli mill-2020 'l quddiem.

Il-konklużjonijiet ewlenin tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FNE, adottati mill-Kummissjoni fit-13 ta' Frar 2018, kienu dawn li ġejjin:

B'mod ġenerali, wara tliet snin u nofs tal-implimentazzjoni tal-FNE, il-programm qiegħed fit-triq it-tajba, għalkemm għadu kmieni wisq biex jitkejlu r-riżultati meta jitqies li l-programm għadu fi stadju bikri tal-implimentazzjoni. Barra minn hekk, il-qafas ta' prestazzjoni stabbilit fir-Regolament huwa nieqes minn indikaturi definiti sew jew robusti. B'din ir-riżerva, l-evalwazzjoni wriet ir-riżultati li ġejjin għas-setturi tal-FNE:

Il-FNE hija strument effettiv u mmirat għall-investiment fl-infrastruttura trans-Ewropea fit-trasport, fl-enerġija u fis-settur diġitali. Il-FNE kkontribwiet għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni dwar l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, is-suq intern, l-Unjoni tal-Enerġija u l-klima, u s-Suq Uniku Diġitali.

Il-FNE ġġib valur miżjud Ewropew għoli għall-Istati Membri billi tappoġġja proġetti ta' konnettività b'dimensjoni transfruntiera.

Il-proġetti fl-enerġija jipprovdu wkoll sigurtà tal-provvista u huma punti essenzjali għad-dekarbonizzazzjoni kosteffiċjenti tal-ekonomija. Il-FNE hija strumentali wkoll fl-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda mal-UE kollha ta' ġestjoni u sikurezza tat-traffiku, linji tal-elettriku ta' prestazzjoni għolja u grilji intelliġenti, u l-implimentazzjoni ta' Servizzi Diġitali bil-broadband u interkonnessi.

Fis-settur tat-telekomunikazzjoni, il-fokus doppju tal-FNE fuq is-servizzi diġitali transfruntiera ta' interess pubbliku u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u tal-informatika wera li l-programm għandu impatt importanti għall-kisba tal-għanijiet tas-suq uniku diġitali tal-UE. Madankollu, minħabba r-riżorsi limitati, it-

Telekomunikazzjoni tal-FNE setgħet tappoġġa biss l-ewwel ftit passi lejn infrastruttura diġitali transfruntiera sħiħa f'oqsma ta' interess pubbliku.

It-tkomplija tat-TENs kif iddefinit fil-prijoritajiet ta' politika tal-UE xorta se tkun teħtieġ investimenti kbar, li parti minnhom se tiddependi fuq l-appoġġ kontinwu tal-UE. Jeżisti l-potenzjal biex jiġi sfruttat aktar investiment pubbliku u privat jekk isir disponibbli baġit addizzjonali tal-UE biex jindirizza l-fallimenti tas-suq.

Rigward l-implimentazzjoni tal-programm, l-evalwazzjoni indikat li:

Il-ġestjoni diretta tal-għotjiet tal-FNE tat prova li kienet effiċjenti ħafna, b'riżerva ta' proġetti b'saħħitha u proċess tal-għażla kompetittiv, b'fokus fuq l-objettivi tal-politika tal-UE, implimentazzjoni koordinata u involviment sħiħ tal-Istati Membri. L-aġenzija eżekuttiva INEA għandha rekord tajjeb ħafna fejn tidħol il-ġestjoni finanzjarja tal-FNE.

Għall-ewwel darba, sehem tal-baġit ta' koeżjoni għat-trasport ġie utilizzat taħt ġestjoni diretta fil-qafas tal-FNE. 100 % tal-pakkett ġie allokat matul l-ewwel nofs tal-perjodu tal-programm, kważi esklussivament fuq modi ta' trasport sostenibbli.

Il-FNE kompliet tuża u tiżviluppa strumenti finanzjarji innovattivi. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħhom kienet limitata minħabba l-possibbiltajiet ġodda offruti mill-FEIS. L-użu tal-istrumenti finanzjarji tal-FNE mistenni jaqbad ir-ritmu matul it-tieni nofs tal-programm meta l-kumplimentarjetà mal-FEIS tkun ġiet assigurata.

L-ewwel esperjenza pożittiva ħafna ta' taħlit tal-għotjiet mal-istrumenti finanzjarji saret fl-2017 fit-trasport, u dan ippermetta l-użu ta' għotjiet biex jiġi massimizzat l-ingranaġġ ta' fondi privati jew pubbliċi.

Il-FNE ttestjat ukoll sinerġiji transsettorjali, iżda kienet limitata b'restrizzjonijiet fil-qafas ġuridiku/baġitarju attwali. Il-linji gwida tal-politika settorjali u l-istrument tal-FNE jridu jkunu aktar flessibbli biex jiffaċilitaw is-sinerġiji u jirrispondu aħjar għal żviluppi u prijoritajiet teknoloġiċi ġodda.

Fil-perjodu 2021-2027, il-FNE se tkompli tiġi allinjata mal-prijoritajiet ta' politika attwali tal-Kummissjoni, b'mod partikulari d-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni. Dan se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tat-twassil tal-FNE, billi jistgħu jfiġġu aktar oqsma għas-sinerġija.

Il-Kummissjoni tipproponi li tkompli l-implimentazzjoni tal-FNE lil hinn mill-2020, b'ġestjoni diretta, bħal fil-perjodu 2014-2020. Fl-istess ħin, se jkun hemm ċertu titjib. Minbarra l-ħtieġa għal indikaturi ddefiniti sew u rakkomandazzjonijiet oħra mnissla mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, se jkun meħtieġ li jiġu integrati s-simplifikazzjoni u l-adattamenti għall-effiċjenza, bi qbil mal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni.

Punti oħra ta' titjib huma marbutin mat-tnaqqis fir-rekwiżiti amministrattivi għall-għotjiet żgħar, forom innovattivi ta' appoġġ, għajnuna teknika għat-tħejjija tal-proġetti, u s-sostenibbiltà u l-protezzjoni klimatika ta' ċerti tipi ta' proġetti u sinerġiji. Se jiġi indirizzat ukoll in-nuqqas ta' flessibbiltà attwali fir-rigward tal-prijoritajiet u l-kamp ta' applikazzjoni għall-intervent, pereżempju biex jintlaqgħu prijoritajiet ta' politika ġodda jew biex jiġu riflessi evoluzzjonijiet teknoloġiċi.

1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa

Il-Fond ta' Koeżjoni (FK) / FEŻR	• Delinjazzjoni aħjar tal-kamp ta' applikazzjoni bejn FK/FEŻR u l-FNE fir-rigward tat-trasport[44]: il-FNE tiffoka fuq l-infrastruttura tat-TEN-T ta' rilevanza transfruntiera (inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni tat-Trasport), filwaqt li l-FSIE jiffoka fuq il-ħtiġijiet ta' mobilità urbana, lokali u reġjonali. • Koordinazzjoni aħjar u razzjonalizzazzjoni tal-għanijiet ta' politika u interventi permezz tal-kundizzjonijiet ex-ante applikabbli għall-investiment fit-trasport taħt ġestjoni kondiviża (biex tiġi żgurata l-konsistenza mat-TEN-T). • Fil-każ tal-enerġija, delinjazzjoni ċara hija żgurata bil-FNE tiffoka fuq it-TEN-T (inkluż grilji intelliġenti fit-trażmissjoni u l-interfaċċa trażmissjoni/distribuzzjoni) filwaqt li l-FK/FEŻR jiffukaw fuq it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni nazzjonali/lokali u l-grilji intelliġenti u l-ħżin fil-livell tad-distribuzzjoni. L-importanza dejjem tikber tal-investimenti fil-livell lokali u reġjonali f'sistema tal-enerġija deċentralizzata tindika rilevanza kontinwa jew miżjuda tal-finanzjament tal-FK/FEŻR għall-enerġija. • L-FK/FEŻR u l-FNE huma allinjati filli jipprovdu appoġġ koerenti u kumplimentari lill-għanijiet ta' konnettività strateġiċi tal-UE fis-settur diġitali. Fir-rigward ta' mira li għaliha mistennijin jikkontribwixxu kemm il-FK/FEŻR u kemm il-FNE, il-FNE hija mistennija li tkopri l-oqsma tal-fallimenti tas-suq fejn proġetti jistgħu jiġu implimentati b'għotjiet ta' intensità baxxa, b'mod li l-FK/FEŻR ikunu jistgħu jindirizzaw oqsma ta' fallimenti tas-suq aktar severi li jirrikjedu ammonti u intensità tal-għotjiet aktar sostanzjali. • Allinjament aħjar tar-regoli rigward l-applikazzjonijiet, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ.
InvestEU	• Ebda strument finanzjarju fil-FNE. • Enfasi tal-appoġġ tal-għotjiet fuq proġetti li ma jistgħux jiġu appoġġati bi strumenti finanzjarji, jew • Użu ta' għotjiet għat-taħlit ma' InvestEU (jew finanzjament privat ieħor), jekk meħtieġ għall-bankabbiltà.
Programm Ewropa Diġitali	• Skont id-definizzjoni attwali tiegħu, Ewropa Diġitali se jinkludi attivitajiet futuri rigward it-taqsima tal-Infrastrutturi ta' Servizzi Diġitali tal-FNE attwali. • Is-servizzi żviluppati f'Ewropa Diġitali se jmorru lil hinn mill-infrastruttura ta' konnettività pprovduta mill-FNE 2021-2027. • Iċ-ċibersigurtà żviluppata f'Ewropa Diġitali se tintuża wkoll biex tipproteġi infrastrutturi kritiċi appoġġati mill-FNE 2021-2027.
Orizzont Ewropa	• Bħalma hu l-każ fil-perjodu attwali, filwaqt li l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi se jkun appoġġat mill-programm ta' riċerka tal-UE Orizzont Ewropa, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi se tiġi appoġġata mill-FNE l-ġdida b'rabta mal-kamp ta'

[44] Soġġett għal deċiżjonijiet finali rigward il-kamp ta' applikazzjoni u l-baġit ta' kull programm.

	applikazzjoni tagħha (pereżempju fir-rigward tal-fjuwils alternattivi jew is-sistemi diġitali għall-ġestjoni tat-traffiku). Ebda riskju ta' trikkib, minħabba l-istadji ta' maturità kummerċjali differenti ta' Orizzont Ewropa u tal-azzjonijiet tal-FNE.

1.5. Durata u impatt finanzjarju

☑ **durata limitata**

– ☑ b'effett minn 01/01/2021 sa 31/12/2027

– ☑ Impatt finanzjarju minn 2021 sa 2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn 2021 sa 2033 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[45]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☑ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☑ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-Programm għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta skont ir-Regolament Finanzjarju. Tista' titqies il-possibbiltà ta' modalità ta' ġestjoni indiretta għall-infrastruttura ta' konnettività diġitali, b'mod partikulari għall-muturi soċjoekonomiċi. Għall-finijiet ta' din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva, hija preżunta l-ġestjoni diretta bil-għan li t-tbassir isir bl-iktar mod prudenti.

[45] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

Skont l-eżitu ta' analiżi futura tal-kostijiet u l-benefiċċji, u b'mod parallel mal-perjodu 2014-2020, il-biċċa l-kbira tal-baġit tista' tiġi implimentata b'delega lil aġenzija eżekuttiva[46]. F'dan il-każ, l-azzjonijiet ta' appoġġ tal-programm biss jiġu ġġestiti direttament mid-dipartimenti tal-Kummissjoni.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Se jiġi stabbilit qafas ta' prestazzjoni aktar sempliċi iżda aktar robust meta mqabbel mal-FNE 2014-2020, biex jiġu mmonitorjati l-kisba tal-miri tal-Programm u l-kontribut tiegħu għall-għanijiet ta' politika tal-UE. Se jiġu żviluppati indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-progress tal-Programm.

Il-Programm se jkun soġġett għal evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u ex-post sabiex jiġu vvalutati l-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tiegħu.

Fir-rigward tal-azzjonijiet, is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni se tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dan il-għan, se jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonat fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-UE u (fejn rilevanti) l-Istati Membri.

Se jinħarġu rapport operattivi regolari dwar il-ġestjoni tal-proġetti u l-eżekuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ tal-monitoraġġ tal-għanijiet tal-Programm.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti

Il-programm se jkun implimentat b'ġestjoni diretta. Jista' jkun iddelegat lil aġenzija eżekuttiva, soġġett għall-eżitu tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, u għad-deċiżjonijiet relatati li għandhom jittieħdu. F'dan il-każ, ċerti azzjonijiet ta' appoġġ tal-programm jistgħu jiġu ġġestiti direttament mill-Kummissjoni.

INEA, aġenzija eżekuttiva stabbilita, għandha l-istruttura u l-proċessi meħtieġa biex tiżgura l-ġestjoni kontinwa tal-FNE. Twaqqfet madwar il-ġestjoni tal-proġetti tat-TEN-T mill-perspettivi finanzjarji tal-perjodi 2000-2006 u 2007-2013, kif ukoll tal-FNE 2014-2020.

Kif indikat l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FNE 2014-2020, il-ġestjoni diretta tal-għotjiet tal-FNE taħt il-mandat attwali tal-INEA tat prova li kienet effiċjenti ħafna, b'riżerva ta' proġetti b'saħħitha u proċess tal-għażla kompetittiv, b'fokus fuq l-objettivi tal-politika tal-UE, implimentazzjoni koordinata u l-involviment sħiħ tal-Istati Membri. L-INEA għandha rekord tajjeb ħafna fejn tidħol il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-FNE.

[46] Il-programm jista' (parzjalment) ikun iddelegat lil aġenzija eżekuttiva, soġġett għall-eżitu tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, u għad-deċiżjonijiet relatati li għandhom jittieħdu; l-approprjazzjonijiet amministrattivi relatati għall-implimentazzjoni tal-programm fil-Kummissjoni u fl-aġenzija eżekuttiva se jiġu adattati kif xieraq.

Tista' titqies il-possibbiltà ta' modalità ta' ġestjoni indiretta għall-infrastruttura ta' konnettività diġitali, b'mod partikulari għall-muturi soċjoekonomiċi.

Il-Programm se jiġi implimentat prinċipalment permezz ta' għotjiet. L-istrateġija ta' kontroll se tiġi stabbilita kif xieraq, u se tiffoka fuq tliet stadji ewlenin ta' implimentazzjoni tal-għotjiet, skont ir-Regolament Finanzjarju:

L-organizzazzjoni ta' sejħiet u l-għażla ta' proposti li jaqblu mal-għanijiet ta' politika tal-programm;

Kontrolli operattivi, ta' monitoraġġ u ex-ante li jkopru l-implimentazzjoni tal-proġett, l-akkwist pubbliku, il-prefinanzjament, il-pagamenti interim u finali, u l-ġestjoni tal-garanziji;

Kontrolli ex-post tal-proġetti u l-pagamenti.

Din l-istrateġija ta' kontroll mistennija twassal riżultati ta' prestazzjoni bi qbil mal-metrika osservata għall-ewwel verżjoni tal-programm[47].

~ 100 % tal-eżekuzzjoni ta' impenn u pagament u approprjazzjonijiet ta' pagament;

~ 100 % tal-benefiċjarji infurmati fil-ħin;

~ Aktar minn 95 % tal-għotjiet iffirmati fil-ħin;

~ 100% tal-pagamenti mwettqa fil-ħin;

~ Rata ta' erruri residwi (RER) taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Ir-riskji indentifikati jibqgħu ġeneralment identiċi għal dawk identifikati għall-programm ta' qabel:

Żvilupp iktar kajman milli mixtieq fuq il-prijoritajiet ewlenin (kurituri, proġetti ta' interess komuni), minħabba adozzjoni tas-suq insuffiċjenti jew minħabba l-kwalità tal-proġetti mressqin;

Dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti;

Żbalji possibbli jew ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE;

Kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu, b'mod partikulari jekk ikun hemm tnaqqis fid-domanda għal infrastruttura, kif kien il-każ fl-aħħar kriżi finanzjarja.

F'dan ir-rigward, l-inizjattiva l-ġdid dwar il-Mobilità Militari mistennija tkun soġġetta għall-istess riskji bħal proġetti oħra tat-trasport.

Fis-settur diġitali, il-FNE se tiffinanzja tipi ġodda ta' proġetti ta' infrastruttura diġitali (eż. kurituri 5G, kejbils sottomarini), li ma kinux koperti qabel mill-programm FNE, u li jinvolvu tipi ġodda ta' partijiet ikkonċernati (eż. muturi soċjoekonomiċi (SEDs) bħal skejjel, sptarijiet, eċċ.). Għal din ir-raġuni, il-qasam diġitali tal-FNE se jinkludi azzjonijiet ta' appoġġ immirati lejn l-impenn intensiv tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll lejn l-iżvilupp tal-proġetti (inkluż pereżempju l-għajnuna teknika). Barra minn hekk, l-azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' kurituri 5G jikkonċernaw teknoloġiji ġodda li jiddependi minn żviluppi fis-suq lejn standards industrijali u mid-disponibbiltà ta' teknoloġiji ġodda għall-implimentazzjoni tal-

[47] Abbażi ta' informazzjoni ppubblikata fl-AAR tal-2017 tal-INEA.

hardware u s-software meħtieġa. Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet tas-suq jaf jaffettaw l-iskeda taż-żmien tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi.

Dawn ir-riskji għandhom jiġu indirizzati billi jiżguraw li tingħata attenzjoni lill-kompetittività tar-riżerva ta' proġetti, billi ssir enfasi fuq il-kontribuzzjonijiet tal-proġetti lejn l-għanijiet ta' politika, billi jiġi żgurat l-involviment sistematiku tal-atturi kollha, u billi tinżamm il-flessibbiltà baġitarja xierqa. Is-sett ta' kontrolli ex-ante u ex-post se jiġi adattat skont l-livell ta' riskji perċepiti.

Għal dan il-għan, dawn il-kontrolli se jkunu appoġġati minn valutazzjoni tar-riskju minn isfel 'il fuq, minn valutazzjoni sistematika tal-qafas ta' kontroll, minn rappurtar xieraq tad-devjazzjonijiet (reġistru tal-eċċezzjonijiet u tan-nuqqas ta' konformità), u minn azzjonijiet korrettivi li jsiru fir-rigward ta' rakkomandazzjonijiet maħruġin mis-Servizz tal-Awditjar Intern, mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew mill-Awtorità tal-Kwittanza.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Bis-suppożizzjoni li l-programm il-ġdid tal-FNE se jiġi ġġestit mill-Kummissjoni, il-kost tal-kontroll ikun ogħla milli bl-istruttura tal-FNE attwali, u jista' jkun f'firxa ta' 1 sa 3 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament.

Kostijiet u benefiċċji tal-kontrolli

Il-kost tal-kontroll għall-FNE attwali ġie diviż bejn il-kost tas-sorveljanza fil-livell tal-Kummissjoni u l-kost tal-kontrolli operattivi fil-livell tal-entità ta' implimentazzjoni. Il-kost tal-kontroll għal strumenti finanzjarji relatati, li mhux se jkunu parti mill-FNE l-ġdida, ġie meqjus b'mod separat.

Il-kost tal-kontrolli fil-livell tal-Kummissjoni, fit-tliet DĠs involuti, huwa stmat[48] madwar 0,1 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament operattivi fil-livell tal-programmi.

Dawn il-kontrolli jimmiraw li jiżguraw sorveljanza bla xkiel u effettiva tal-Aġenzija mid-DĠs responsabbli, u li jiżguraw il-livell meħtieġ ta' assigurazzjoni fil-livell tal-Kummissjoni.

F'perimetru kostanti, żieda fil-kost tas-superviżjoni fil-livell tal-Kummissjoni tkun mistennija li tirrifletti r-rekwiżiti estiżi fir-rigward tas-sorveljanza tal-aġenziji eżekuttivi kif ukoll l-isforz addizzjonali li se jkun marbut mal-għoti ta' assigurazzjoni dwar il-komponenti l-ġodda tal-programm, bħall-mobilità militari.

Storikament, l-INEA pprovdiet ambjent ta' kontroll stabbli, bil-kostijiet tal-kontrolli jirrappreżentaw madwar 0.95 % tal-pagamenti operattivi għall-2015 u l-2016 rispettivament. Fl-AAR tal-2017, l-INEA stmat li l-kostijiet tal-2017 tal-kontrolli għall-FNE (inkluż il-Legat) kienu ta' EUR 20 miljun jew 1.25 % tal-pagamenti operattivi totali (EUR 1602.2 miljun).

Jekk jitqies li l-programm il-ġdid tal-FNE, f'termini ta' daqs u tip tal-proġett, huwa tkomplija tal-FNE attwali, il-kost tal-kontroll fil-livell tal-entitajiet huwa mistennija, soġġett għall-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji li ġejja, li tibqa' ġeneralment ġewwa

48 Din l-istima ma tinkludix l-aspetti strateġiċi u ta' politika marbutin mal-programm, jew is-superviżjoni ta' strumenti delegati tal-FNE.

dik il-medda, għalkemm loġikament, il-bini ta' kapaċità meħtieġ biex jiġu vvarati ż-żidiet għall-programm jista' jsarraf f'kost miżjud tal-kontrolli.

Il-benefiċċji tal-kontrolli huma kif ġej:

- Tiġi evitata l-għażla ta' proposti dgħajfa jew mhux xierqa;

- Jiġu ottimizzati l-ippjanar u l-użu tal-fondi tal-UE, sabiex jinżamm il-valur miżjud tal-UE;

- Tiġi żgurata l-kwalità tal-ftehimiet ta' għotja, jiġu evitati żbalji fl-identifikazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi, jiġu żgurat il-kalkolu korrett tal-kontribuzzjonijiet tal-UE, u jittieħdu l-garanziji meħtieġa għall-operazzjoni korretta tal-għotjiet;

- Il-kostijiet ineliġibbli jiġu identifikati fil-fażi tal-pagament;

- L-iżbalji li jaffettaw il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet jiġu identifikati fl-istadju tal-awditjar.

L-opportunità li jiddaħħlu għażliet tal-kostijiet issimplifikati se tiġi meqjusa, soġġett għal analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji pożittiva fir-rigward tal-effett tagħhom fuq ir-rata ta' erruri, fuq il-kostijiet tal-kontrolli u fuq l-effettività u l-effiċjenza tal-kontrolli.

Stima tal-livell ta' errur

Għall-programm FNE, l-2017 kienet l-ewwel sena tal-kampanja tal-awditjar. Għat-Trasport u l-Enerġija tal-FNE, f'dan l-istadju hemm disponibbli riżultati limitati tal-awditjar. L-errur residwali stmat għas-setturi kollha tal-FNE huwa stipulat fil-medda ta' 1-2 %. Din l-istima tibqa' valida għall-FNE2.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament huma impenjati li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bi qbil mal-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi (COM(2011 376 tal-24 ta' Ġunju 2011) u r-riežami tagħha li ġejja. Il-miżuri kontra l-frodi jkopru speċifikament l-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwlaunkwe attività illegali oħra; verifiki effettivi; l-irkupru tal-ammonti mħallsin bi żball, u jekk jinstabu irregolaritajiet, penali effettivi, proporzjonali u dissważivi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

DĠ CNECT, MOVE u ENER, kif ukoll l-aġenzija ta' implimentazzjoni INEA, aġġornaw (MOVE: Novembry 2017, ENER: Diċembru 2017) jew se jaġġornaw (DĠ CNECT, INEA) sa tmiem l-2019 l-istrateġiji tagħhom kontra l-frodi u l-pjanijiet ta' azzjoni relatati fil-livell tad-DĠ li jkopru ċ-ċiklu kollu tan-nefqa, filwaqt li jqisu l-proporzjonalità u l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati, b'mod li jagħtu lok għal valutazzjoni tar-riskju tal-programm.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jiżguraw li l-approċċ tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju ta' frodi jintuża biex jidentifika oqsma ta' riskju għoli, filwaqt li jqisu analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji speċifika għas-settur, kif ukoll il-ħidma ta' prevenzjoni tal-frodi u analiżi tar-riskji tal-OLAF.

Il-monitoraġġ amministrattivi tal-kuntratti, tal-għotjiet u tal-pagamenti relatati jaqa' fl-ambitu tal-INEA. L-istrateġija kontra l-frodi tiġi aġġornata kull sentejn; l-aħħar aġġornament sar fi tmiem 2016. L-Aġenzija tiżviluppa l-miżuri proprji tagħha kontra l-frodi, inkluż strateġija tal-awditjar ex-post biex tivvaluta l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, u biex tirkupra l-ammonti li jkunu tħallsu bi żball. L-INEA hija soġġetta kull sena għall-awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rigward tal-istampa vera u ġusta tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti (dħul u nefqa), u l-Aġenzija hija soġġetta kull sena għall-proċedura ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-UE.

Il-kuntratti għal għotjiet u akkwist konklużi mid-DĠs ta' implimentazzjoni jew mill-INEA se jissejsu fuq mudelli standard, li se jistabbilixxu l-miżuri ġeneralment applikabbli kontra l-frodi, inkluż is-setgħa tal-awditjar, verifiki fuq il-post u spezzjonijiet kif imsemmi aktar 'il fuq. Il-Kummissjoni, ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri se jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha ta' għotja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) se jkun awtorizzat li jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament, skont il-proċeduri stipulati fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, bil-għan li jistabbilixxi jekk tkunx saret frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim ta' għotja, deċiżjoni jew kuntratt dwar finanzjament mill-Unjoni.L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Settur Diġitali 2 – Koeżjoni u Valuri 5 – Sigurtà u Difiża	Diff./mhux diff.[49].	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[50]	mingħand il-pajjiżi kandidati[51]	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
	02 03 01 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – Għan speċifiku tat-trasport 05 03 Kontribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni lill-FNE – Għan speċifiku tat-trasport 13 03 Għan speċifiku tal-mobilità militari taħt FNE-Trasport 02 03 02 FNE – Għan speċifiku tal-enerġija 02 03 03 FNE – Għan speċifiku tas-settur diġitali Appoġġ amministrattiv tal-FNE	Diff. Diff. Diff. Diff. Diff. Mhux diff.	IVA	LE	IVA	LE

[49] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[50] L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[51] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**1, 2, 5**	1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Settur Diġitali 2 – Koeżjoni u Valuri 5 – Sigurtà u Difiża

			2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
02 03 01 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Trasport	Impenji	(1)	1 717,800	1 752,656	1 787,509	1 823,359	1 861,206	1 898,051	1 935,892		**12 776,473**
	Pagamenti	(2)	212,678	787,447	1 000,889	1 157,909	1 301,191	1 439,954	1 510,550	5 365,855	**12 776,473**
05 03 Kontribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport	Impenji	(1)	1 435,757	1 487,467	1 543,787	1 601,874	1 661,779	1 723,866	1 788,588		**11 243,118**
	Pagamenti	(2)	77,593	498,789	522,922	542,758	563,230	584,362	606,284	7 847,181	**11 243,118**
13 03 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Trasport – Mobilità militari	Impenji	(1)	871,300	889,266	908,231	926,196	945,160	964,123	983,086		**6 487,362**
	Pagamenti	(2)	109,577	400,629	509,443	588,928	661,407	731,950	767,571	2 717,857	**6 487,362**
02 03 02 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Enerġija	Impenji	(1)	1 158,000	1 180,900	1 204,798	1 229,694	1 254,588	1 279,480	1 307,200		**8 614,659**
	Pagamenti	(2)	107,636	418,723	498,757	572,186	604,053	623,041	641,070	5 149,194	**8 614,659**
02 03 03 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Settur diġitali	Impenji	(1)	394,800	402,636	411,469	419,298	428,124	435,947	446,765		**2 939,039**
	Pagamenti	(2)	22,827	142,297	200,809	234,226	250,232	257,186	262,325	1 569,136	**2 939,039**
Appoġġ amministrattiv tal-FNE[52]	Impenji = pagamenti	(3)	27,800	28,356	28,923	29,502	30,092	30,693	31,307		**206,673**

[52] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta

TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3	**5 605,457**	**5 741,281**	**5 884,717**	**6 029,923**	**6 180,949**	**6 332,159**	**6 491,007**		**42 265,493**
	Pagamenti	=2+3	**558,111**	**2 276,241**	**2 761,743**	**3 125,509**	**3 410,205**	**3 667,185**	**3 817,276**	**22 649,223**	**42 265,493**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"

Meta timtela din it-taqsima jenħtieġ li tintuża "id-data baġitarja ta' natura amministrattiva" li qabel kollox trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li jittella' fid-DECIDE għal finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
Riżorsi umani		22,283	22,252	21,714	20,073	19,228	18,137	17,190		**140,877**
Nefqa amministrattiva oħra		8,805	9,947	10,192	10,479	9,852	9,840	10,695		**69,811**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	31,089	32,199	31,906	30,552	29,080	27,977	27,886		**210,688**

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	5 636,546	5 773,480	5 916,623	6 060,475	6 210,029	6 360,136	6 518,893		**42 476,181**
	Pagamenti	589,200	2 308,440	2 793,649	3 156,061	3 439,285	3 695,162	3 845,162	22 649,223	**42 476,181**

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	22,283	22,252	21,714	20,073	19,228	18,137	17,190	**140,877**
Nefqa amministrattiva oħra	8,805	9,947	10,192	10,479	9,852	9,840	10,695	**69,811**
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**31,089**	**32,199**	**31,906**	**30,552**	**29,080**	**27,977**	**27,886**	**210,688**
Barra mill-INTESTATURA 7[53] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	27,800	28,356	28,923	29,502	30,092	30,693	31,307	**206,673**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**27,800**	**28,356**	**28,923**	**29,502**	**30,092**	**30,693**	**31,307**	**206,673**
TOTAL	**58,889**	**60,555**	**60,829**	**60,053**	**59,171**	**58,670**	**59,193**	**417,361**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

53 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta. Tinkludi l-ammonti meħtieġa għall-ġestjoni tal-impenji pendenti ("legat") tal-programmi 2014-2020 attwalment ġestiti minn aġenzija eżekuttiva

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għal full-time

Snin		**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)								
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni		93	90	83	75	71	67	88
Delegazzjonijiet								
Riċerka								
• Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED [54] Intestatura 7								
Iffinazjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali	122	128	133	126	122	116	85
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [55]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		**215**	**218**	**216**	**201**	**193**	**183**	**173**

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompliti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	• Żvilupp u strateġija ta’ politika • Appoġġ għal fora reġjonali u tematiċi għall-identifikazzjoni ta’ proġetti ta’ interess komuni • Koordinazzjoni u skambju mal-partijiet ikkonċernati kollha (Stati Membri, pajjiżi terzi, DĠs oħra u istituzzjonijiet oħra tal-UE, fora tematiċi jew reġjonali, eċċ.). • Żvilupp tal-programm ta’ ħidma annwali • Proċess tal-għażla • Ġestjoni tas-sejħa għal proposti annwali u għażla ta’ proġetti għall-appoġġ finanzjarju mill-UE • Ġestjoni operattiva u finanzjarja tal-proġetti • Evalwazzjonijiet
Persunal estern	• Appoġġ għal fora reġjonali u tematiċi għall-identifikazzjoni ta’ proġetti ta’ interess komuni • Appoġġ għall-proċess tal-għażla • Appoġġ għall-ġestjoni tas-sejħa għal proposti annwali u għażla ta’ proġetti għall-appoġġ finanzjarju mill-UE • Appoġġ għall-ġestjoni finanzjarja u tal-proġett • Appoġġ għall-organizzazzjoni tal-evalwazzjonijiet

54 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

55 Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– x tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– x Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[56]						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu ………….							

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

56 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.